



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

PANORAMA TAS-SENA

RAPPORT ANNWALI 2019



Il-Qorti tal-Ġustizzja
tal-Unjoni Ewropea:
garanti tal-ħarsien
tad-dritt tal-Unjoni.



PANORAMA **TAS-SENA**

Rapport Annwali 2019

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija waħda mis-seba' istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala l-awtorità ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha bħala missjoni li tiggarantixxi l-osservanza tad-dritt Ewropew billi tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati.

L-istituzzjoni taħdem sabiex jinżammu l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew bis-sentenzi tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija komposta minn żewġ qradi: il-“Qorti tal-Ġustizzja” u l-“Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea”.

Werrej

Daħla tal-President	5
----------------------------------	---

1| Is-sena 2019 mad-daqqa t'għajn

A/ Sena f'ritratti.....	8
B/ Sena f'ċifri.....	24

2| L-attività ġudizzjarja

A/ Harsa lura lejn is-sentenzi prinċipali tas-sena.....	32
B/ Iċ-ċifri bażiċi tal-attività ġudizzjarja.....	53

3| Sena ta' ftuħ u ta' kuntatti

A/ L-avvenimenti importanti	62
B/ Iċ-ċifri bażiċi	70

4| Amministrazzjoni li taqdi l-ġustizzja Ewropea


A/ Tfittxija kostanti tal-effiċjenza	74
B/ Il-Qorti tal-Ġustizzja tkabbar il-preżenza tagħha fin-networks soċjali	76
C/ Istituzzjoni li tirrispetta l-ambjent.....	78

5| Ħarsa lejn il-futur

81

6| Ibqgħu konnessi!

85



**“L-emerġenza klimatika,
il-kriżi migratorja, il-
preokkupazzjonijiet
marbuta mal-osservanza
tal-valuri ta’ libertà, ta’
demokrazija u tal-istat
tad-dritt... huma xi wħud
mill-kwistjonijiet li, fil-
qasam ġudizzjarju wkoll,
jitolbu risposti xierqa,
konsistenti mal-għanijiet
tal-proġett Ewropew”**



Koen Lenaerts

President tal-Qorti
tal-Ġustizzja tal-Unjoni
Ewropea

DAĦLA TAL-PRESIDENT

L-2019 kienet għall-Qorti tal-Ġustizzja sena ta' rikorrenzi u ta' bidliet kbar: l-għaxar anniversarju tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li ta lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni l-istatus ta' dritt primarju, il-ħmistax-il sena tat-"tkabbir kbir" tal-Unjoni Ewropea, it-tletin sena mit-twaqqif tal-Qorti Ġenerali u, fuq kollox, it-tlestija tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni li twassal għal tnejn in-numru ta' Mħallfin għal kull Stat Membru fil-Qorti Ġenerali.

Fid-19 ta' Settembru seħħ avveniment sabiħ: l-inawgurazzjoni tat-tielet torri li ċċelebra t-tweitiq tal-ħames estensjoni tal-Palazz ippermettiet li jinġabar il-persunal kollu tal-istituzzjoni taħt saqaf wieħed għall-ewwel darba wara 20 sena.

Nifraħ ukoll bil-ftuħ tal-istituzzjoni tagħna lejn il-pubbliku, rifless fis-suċċess bla preċedent tal-ġurnata "Bibien miftuħa", it-tkabbir tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea u l-arrikkiment tas-sit internet tal-istituzzjoni permezz tat-tqegħid għad-dispożizzjoni, fil-lingwi kollha disponibbli, tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qrati tal-Istati Membri, kif ukoll tan-noti u tal-istudji redatti mid-Direttorat tagħna tar-Riċerka u Dokumentazzjoni.

Mil-lat statistiku, is-sena 2019 kienet eċċezzjonali għal diversi raġunijiet. Għaż-żewġ qrati, in-numru totali ta' 1 739 kawża magħluqa joqrob il-livell storiku tal-2018. Min-naħa tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet numru rekord ta' kawżi (865 fl-2019 kontra 760 fl-2018). In-numru globali ta' kawżi mreqqsa (1 905) huwa nnifsu jinsab fuq livell li qatt ma ntlaħaq. Fost dawn tal-aħħar, għandu jiġi nnotat in-numru rekord ta' kawżi preliminari mressqa (641), ħaġa li tixhed il-fiduċja dejjem tikber tal-qrati nazzjonali fis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni. Ninnota wkoll li, fl-1 ta' Mejju 2019, beda jaħdem il-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel ta' ċerti appelli. Huwa għandu jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tuża aħjar ir-riżorsi tagħha fl-interess tal-partijiet.

Fil-paġni ta' din il-Panorama tas-sena 2019, il-qarrej jista' jikkonstata wkoll l-isforzi mwettqa miż-żewġ qrati sabiex inaqqsu t-tul medju tal-proċeduri (15.6-ilxahar fl-2019 kontra 18-il xahar fl-2018) fit-tfittxija bla heda ta' ġustizzja effikaċi u ta' kwalità.

Fl-aħħar nett, ma ninsewx li 2019 kienet sena mqallba għall-Unjoni Ewropea. L-emerġenza klimatika, il-kriżi migratorja, il-preokkupazzjonijiet marbuta mal-osservanza tal-valuri ta' libertà, ta' demokrazija u tal-istat tad-dritt... huma xi wħud mill-kwistjonijiet li, fil-qasam ġudizzjarju wkoll, jitolbu risposti xierqa, konsistenti mal-għanijiet tal-proġett Ewropew, u li ser ikompli jkollhom impatt dirett fuq il-kontenzjuż imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

Dan juri r-rwol ċentrali ta' dawn il-qrati fid-dawl tal-promozzjoni tal-Unjoni tad-dritt u tal-valuri fundamentali li fuqhom hija bbażata.



Sun

Mon

Wed

Thu

Fri

Sat

29

30

2

3

4

5

1

2

3

4

5

6

7

8

9

10

11

12

13

14

15

16

17

19

20

21

22

23

24

28

29

30

31

IS-SENA 2019 MAD-DAQQA T'GĦAJN



A | SENA F'RITRATTI



JANNAR



22 TA' JANNAR

Sentenza Cresco Investigation

L-għoti, fl-Awstrija, **ta' btala pubblika mħallsa** fil-Ġimgħa l-Kbira lill-ħaddiema li jappartjenu għal ċerti knejjes biss jikkostitwixxi **diskriminazzjoni minħabba r-reliġjon** li hija pprojbita mid-dritt tal-Unjoni ([C-193/17](#))

➤ (ara l-p. 40)

FRAR



6 TA' FRAR

Dħul fil-kariga ta' Avukat Ġenerali ġdid fil-Qorti tal-Ġustizzja

Priit Pikamäe (Estonja) jinħatar Avukat Ġenerali minflok l-Avukat Ġenerali Nils Wahl (Żvezja).




11 TA' FRAR

Għoti tal-premju "Puñetas de Plata"

Il-Qorti tal-Ġustizzja tingħata l-premju tal-fidda mill-assoċjazzjoni tal-istampa ġuridika Spanjola (ACIJUR). Dan il-prezz jiġi assenjat kull sena lill-persuni jew lill-istituzzjonijiet li jiddistingwu ruħhom fl-**attivitajiet tagħhom fis-servizz tal-ġustizzja**.

Marzu



7 TA' MARZU

Sentenza *Tweedale*

Il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjonijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) li jirrifjutaw l-aċċess għall-istudji ta' tossiċità u ta' kanċeroġeniċità tas-sustanza attiva **glifosat**. Il-pubbliku għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni li tikkonċerna l-konsegwenzi tal-emissjoni ta' sustanza attiva fl-ambjent marbuta man-natura potenzjalment tossika u kanċerogena ta' din is-sustanza ([T-716/14](#) u [T-329/17](#)).



20 TA' MARZU

Dħul fil-kariga ta' żewġ Imħallfin ġodda

Jinħatar bħala Mħallf fil-Qorti tal-Ġustizzja **Andreas Kumin** (Awstrija), bħala sostitut għal Maria Berger. Fil-kuntest tar-riforma tal-Qorti Ġenerali, **Ramona Frendo** (Malta) tinħatar Imħallf fil-Qorti Ġenerali.



29 TA' MARZU

Titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-kawża *Constantin Film vs YouTube u Google*

Il-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża (Bundesgerichtshof) tistaqsi jekk YouTube (Google) tistax tiġi mġiegħla tikkomunika n-**numri tat-telefon, l-indirizzi elettroniċi u l-indirizzi IP** ta' dawk li jkunu tellgħu films fl-internet bi ksur tad-drittijiet tal-awtur ([C-264/19](#)).

April



8 TA' APRIL

Żjara fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja

Delegazzjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ), il-korp ġudizzjarju prinċipali tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (ONU) jintlaqa' fil-Qorti tal-Ġustizzja. Id-diskussjonijiet jikkonċernaw b'mod partikolari l-kondiviżjoni tar-**responsabbiltà taħt id-dritt internazzjonali** bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni.



30 TA' APRIL

Opinjoni CETA

Il-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tat-tilwim bejn investituri u Stati previst fil-ftehim ta' **kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada (CETA)** huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni ([Opinjoni 1/17](#)).

Mejju



1 TA' MEJJU

Proċedura ġdida ta' ammissjoni tal-appelli

Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, l-appelli mis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali dwar kawżi li **jkunu bbenefikaw minn eżami minn qabel minn Bord tal-Appell indipendenti** ser ikunu suġġetti għal proċedura ta' ammissjoni minn qabel.

➡ (ara l-p. 5)



14 TA' MEJJU

Sentenza CCOO

L-Istati Membri għandhom jimponu fuq il-persuni li jimpjegaw l-obbligu li jistabbilixxu sistema oġġettiva, affidabbli u aċċessibbli ta' **kejl tat-tul tal-ħin tax-xogħol ta' kuljum** ([C-55/18](#)).

► (ara l-p. 41)



14 TA' MEJJU

Sentenza Neymar

Ir-reġistrazzjoni tat-trade mark NEYMAR minn individwu hija nulla peress li dan tal-aħħar aġixxa in *mala fede*, meta ppreżenta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark meta kien jaf il-futbolier Brażiljan, stilla emerġenti tal-futbol ta' talent rikonoxxut internazzjonalment ([T-795/17](#)).

► (ara l-p. 45)



23 TA' MEJJU

Sentenza Frank Steinhoff et vs BĊE

Il-Qorti Ġenerali tiċċad ir-**rikors għad-danni ppreżentat kontra l-Bank Ċentrali Ewropew** (BĊE) minn investituri privati li sofrew telf minħabba r-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg fl-2012 permezz ta' skambju ta' titoli ta' dejn maħruġa jew iggarantiti mill-Istat Grieg kontra titoli ta' dejn ġodda. Din il-miżura ma kinitx tikkostitwixxi ksur sproporzjonat u intollerabbli tad-dritt għall-proprietà ta' dawn l-investituri, anki jekk ma kinux taw il-kunsens tagħhom għalih ([T-107/17](#)).

ĠUNJU



14 TA' ĠUNJU

Dibattitu “Il-qorti u d-dritt tal-kompetizzjoni”

Id-dibattiti, organizzati mill-Qorti Ġenerali, jirrigwardaw l-evalwazzjoni tas-**sistemi differenti ta' stħarriġ ġudizzjarju** fid-dritt tal-kompetizzjoni.

➤ (ara l-p. 63)



19 TA' ĠUNJU

Sentenza *adidas*

It-trade mark tal-Unjoni Ewropea miżmuma mill-kumpanija adidas li tikkonsisti fi tliet strixxi paralleli applikati fi kwalunkwe sens hija **invalida** għaliex din it-trade mark ma kisbitx, fit-territorju kollu tal-Unjoni, karattru distintiv permezz tal-użu ([T-307/17](#)).

➤ (ara l-p. 46)



24 TA' ĠUNJU

Sentenza *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*

Il-leġiżlazzjoni Pollakka dwar it-tnaqqis tal-**età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema** tmur kontra l-prinċipju ta' Stat tad-dritt u tikser il-prinċipji ta' irremovabbiltà u ta' indipendenza tal-imħallfin ([C-619/18](#)).

➤ (ara l-p. 36)



8 TA' LULJU

Sentenza *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju*

Il-Belġju għandu jħallas pagamenti ta' penalità ta' EUR 5 000 kuljum, peress li ma kkomunikax lill-Kummissjoni l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttiva dwar in-networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità għolja. Din hija l-ewwel applikazzjoni ta' sanzjoni pekunjarja minħabba **negliġenza li jiġu kkomunikati miżuri ta' traspożizzjoni** fid-dritt nazzjonali ta' direttiva ([C-543/17](#)).



9 TA' LULJU

Talba għal opinjoni dwar il-Konvenzjoni ta' Istanbul

Il-Parlament Ewropew jistaqsi jekk proposti dwar l-adeżjoni tal-**Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni** tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fir-rigward tan-nisa u l-vjolenza domestika humiex kompatibbli mat-Trattati ([Opinjoni 1/19](#)).




10 TA' LULJU

Sentenza *Amazon*

Amazon hija obbligata tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur **mezz ta' komunikazzjoni li jippermettilu jikkuntattja** malajr u li tikkomunika miegħu b'mod effikaċi ([C-649/17](#)).

► (ara l-p. 43)



11 TA' LULJU

Sentenza *bisfenol A*

L-inklużjoni tal-bisfenol A fir-Regolament REACH bħala **sustanza ta' tħassib serju** ħafna minħabba l-proprjetajiet tossiċi tagħha għar-riproduzzjoni umana hija kkonfermata. Dan ir-regolament ġie adottat mill-Unjoni Ewropea sabiex tipproteġi aħjar is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kontra r-riskji marbuta mas-sustanzi kimiċi ([T-185/17](#)).

➡ (ara l-p. 33)

Settembru



19 TA' SETTEMBRU

Inawgurazzjoni tat-tielet torri

It-torri l-ġdid jiġi inawgurat mill-President Koen Lenaerts, fil-preżenza tal-Altezza Rjali Tiegħu, il-Gran Duka Henri tal-Lussemburgu u l-Prim Ministru Lussemburgiż Xavier Bettel. B'għoli ta' 115 metru, **huwa l-iktar l-bini għoli tal-Lussemburgu**.

➡ (voir p. 64)



Ara l-video fuq YouTube



24 TA' SETTEMBRU

Sentenzi *Starbucks* u *Fiat Chrysler* ("tax rulings")

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara illegali l-miżura ta' għajjnuna fiskali implimentata mill-**Pajjiżi l-Baxxi favur Starbucks** hija annullata ([T-760/15](#) u [T-636/16](#)).

Min-naħa l-oħra, ir-rikorsi kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara illegali l-miżura ta' għajjnuna implimentata **mil-Lussemburgu favur Fiat Chrysler Finance Europe** jiġu miċħuda ([T-755/15](#) u [T-759/15](#)).

➡ (ara l-p. 48)



25 TA' SETTEMBRU

Kollokju "Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-era diġitali"

Tinżamm manifestazzjoni fil-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi ċelebrata t-tletin sena mit-twaqqif tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

► (ara l-p. 65)

Ara fil-kanal tagħna You Tube il-**film commemorattiv** tal-anniversarju bl-intervisti tal-membri fundaturi tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll fis-sit CVRIA, [il-ktieb tal-Atti tal-Kollokju](#)



Ara l-video fuq You Tube



26 TA' SETTEMBRU

Tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali u wasla ta' Mħallfin ġodda

Il-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali tevolvi fil-kuntest tat-**tiġdid parzjali tagħha u tat-tisħiħ tagħha**. Jinħatru: Tuula Pynnä (Finlandja), Gerhard Hesse (Awstrija), Mirela Stancu (Rumanija), Iko Nõmm (Estonja), Laurent Truchot (Franza), Johannes Christoph Laitenberger (Ġermanja), Roberto Mastroianni (Italja), José Martín y Pérez de Nanclares (Spanja), Ornella Porchia (Italja), Miguel Sampol Pucurull (Spanja), Petra Škvařilová-Pelzl (Repubblika Ċeka), Gabriele Steinfatt (Ġermanja), Rimvydas Norkus (Litwanja) u Tamara Perišin (Kroazja). In-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali huwa **52**.



26 TA' SETTEMBRU

Elezzjoni tal-President u tal-Viċi President tal-Qorti Ġenerali

Wara t-tiġdid parzjali tal Membri tal Qorti Ġenerali, **Marc van der Woude** (Pajjiżi I-Baxxi), Viċi President tal-Qorti Ġenerali mill-2016, jiġi elett President tal-Qorti Ġenerali, mill-membri kollegi tiegħu, għal mandat ta' tliet snin. **Savvas Papasavvas** (Ċipru), Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-2004, jiġi elett Viċi President, ukoll għal mandat ta' tliet snin.

Ottubru



1 TA' OTTUBRU

Sentenza *Planet49*

Għall-finijiet tal-protezzjoni tad-*data* personali, it-tqegħid ta' **cookies**, intiżi sabiex tinġabar informazzjoni fuq l-utenti tal-internet, ma jistax isir mingħajr il-**kunsens** espress u attiv tagħhom ([C-673/17](#)).

➤ (ara l-p. 39)



7 TA' OTTUBRU

Dħul fil-kariga ta' żewġ Imħallfin ġodda fil-Qorti tal-Ġustizzja

Tinżamm seduta solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-okkażjoni tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Imħallfin **Niilo Jääskinen**, li jieħu post Allan Rosas (Finlandja) u **Nils Wahl**, li jieħu post Carl Gustav Fernlund (Żvezja).



19 TA' OTTUBRU

Ġurnata "Bibien miftuħa"

B'4 825 **viżitatur**, l-edizzjoni 2019 tal-"Bibien miftuħa" tikseb suċċess mingħajr preċedent.

➤ (ara l-p. 65)



21 TA' OTTUBRU

Tressiq quddiem il-Qorti Ġenerali tal-kawża *Wagenknecht vs Il-Kunsill Ewropew*

Membru tas-Senat Ċek jakkuża lill-Kunsill Ewropew li ma ħax inkunsiderazzjoni l-**kunflitt ta' interessi** tal-Prim Ministru Ċek fir-rigward tal-attribuzzjoni tas-**sussidji tal-UE** ([T-715/19](#)).



24 TA' OTTUBRU

Sentenza *Rubik's cube*

Il-Qorti Ġenerali tiddikjara **nulla t-trade mark** ikkostitwita mill-forma tal-kubu famuż. Ir-raġuni: il-forma tal-kubu hija komposta unikament mill-funzjoni teknika tagħha ([T-601/17](#)).

➡ (ara l-p. 46)


Novembru



8 TA' NOVEMBRU

Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija*

Il-Kummissjoni tikkontesta l-leġiżlazzjoni Ungeriża msejħa "**Stop Soros**", li tinkludi b'mod partikolari r-rifjut awtomatiku tal-applikazzjonijiet għal ažił ippreżentati minn persuni li jaslu fl-Ungerija permezz ta' pajjiż terz sigur u t-trasformazzjoni f'reat kriminali **tas-sostenn mogħti lill-applikanti għal ažił** li l-applikazzjoni tagħhom ma tkunx tistax tintlaqa' ([C-821/19](#)).



13 U 14 TA' NOVEMBRU

Seminar "Protezzjoni u illustrazzjoni tal-multilingwiżmu"

Il-Qorti tal-Ġustizzja tistieden lil personalitajiet minn dinjiet daqstant differenti bħall-filosofija, id-dritt u x-xjenzi sabiex jipprezentawlihom il-funzjonament ta' kuljum ta' qorti multilingwi u sabiex jiġu stabbiliti l-fundamenti ta' kooperazzjoni futura **favur id-difiża tal-valuri mħaddna mill-multilingwiżmu.**

➤ (ara l-p. 66)



14 TA' NOVEMBRU

Teħid ta' ġurament minn żewġ membri ġodda tal-Qorti tal-Awdituri

Wara t-tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Awdituri, **Ivana Maletić** (Kroazja) u **Viorel Ştefan** (Rumanija) jibdew jaqdu l-funzjonijiet tagħhom mal-Qorti tal-Awdituri, billi impenjaw ruħhom solennement li jeżerċitawhom b'indipendenza sħiħa, fl-interess ġenerali tal-Unjoni.



18 U 19 TA' NOVEMBRU

Forum tal-membri tal-ġudikatura

Dan il-forum organizzat kull sena jlaqqa' membri tal-ġudikatura nazzjonali għolja mill-Istati Membri kollha u l-Membri tal-istituzzjoni, sabiex isir **skambju fuq punti differenti tad-dritt** tal-Unjoni.

➤ (ara l-p. 67)



19 TA' NOVEMBRU

Evoluzzjoni tan-"Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea" (NĠUE)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti **aċċess liberu** fis-sit internet tagħha għal dokumenti proċedurali u dottrinali li jinsabu fil-pjattaforma NĠUE.

➡ (ara l-p. 75)

DIĊEMBRU



1 TA' DIĊEMBRU

L-10 anniversarju tat-Trattat ta' Lisbona

Il-ħolqien tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** jirrappreżenta wieħed mill-kontribuzzjonijiet prinċipali tat-Trattat ta' Lisbona. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, huwa kien jinkludi numru ta' trasformazzjonijiet, bħall-metodu ta' ħatra tal-membri u l-aċċess tal-individwi għall-qrati. Min-naħa l-oħra, il-proċedura għal **nuqqas ta' twettiq ta' obbligu** issa tippermetti li jiġu imposti sanzjonijiet pekunjarji fuq Stat Membru mill-ewwel sentenza dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.



3 TA' DIĊEMBRU

Seminar "EU and UN Sanctions: an EU perspective"

Il-Qorti Ġenerali tilqa' seminar organizzat mill-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, mid-Dipartiment tal-Istrumenti ta' Politika Estera tal-Kummissjoni Ewropea u mid-Dipartiment Ewropew għall-Azzjoni Esterna, bil-partekipazzjoni tad-delegazzjoni tal-Ombudsman tan-Nazzjonijiet Uniti.



19 TA' DIĊEMBRU

Sentenza *AIRBNB*

Franza ma tistax teżiġi minn Airbnb li jkollha liċenzja professjonali ta' aġent immobiljari peress li ma **kkomunikatx** dan ir-rekwiżit lill-Kummissjoni konformement mad-**Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku** ([C-390/18](#)).



19 TA' DIĊEMBRU

Sentenza *Niki Luftfahrt*

Kumpannija tal-ajru hija responsabbli **għad-danni kkawżati lil passiġġier minħabba li waqqgħet fuqu tazza kafé sħuna**. Ma huwiex neċessarju li dan l-inċident ikun marbut ma' riskju inerenti tat-titjira ([C-532/18](#)).



19 TA' DIĊEMBRU

Sentenza *Junqueras VIES*

Persuna eletta fil-Parlament Ewropew tikseb il-kwalità ta' membru ta' din l-istituzzjoni sa mill-proklamazzjoni uffiċjali tar-riżultati u, minn dan il-mument, tibbenefika mill-immunitajiet marbuta ma' din il-kwalità (b'mod partikolari l-immunità tat-traġitt li tippermetti lill-elett il-ġdid imur fil-Parlament u jipparteċipa fis-sessjoni kostituttiva). Jekk qorti nazzjonali tqis neċessarju li żżomm miżura ta' detenzjoni għal dan elett, hija għandha titlob lill-Parlament it-tneħħija ta' din l-immunità ([C-502/19](#)).





B | SENA F'ĊIFRI

L-Istituzzjoni fl-2019



Fuq il-livell statistiku, is-sena 2019 kienet eċċezzjonali għal żewġ raġunijiet.

In-numru globali ta' kawżi magħluqa miż-żewġ qrati jqarreb il-livell storiku tas-sena preċedenti (1 739 kawża, kontra 1 769 fl-2018).

In-numru globali ta' kawżi mressqa quddiem iż-żewġ qrati jinsab, min-naħa tiegħu, f'livell li qatt ma ntlaħaq, jiġifieri 1 905 kawża (kontra 1 683 fl-2018 u 1 656 fl-2017).

Dan il-volum ta' xogħol issarraf ukoll fl-attività tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu ta' kuljum is-sostenn tagħhom lill-qrati.

IR-RIŻORSI



EUR 429 MILJUN għall-baġit 2019

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

1



IMĦALLEF
GĦAL KULL STAT MEMBRU

11



**-IL AVUKAT
ĠENERALI**

IL-QORTI ĠENERALI

2



IMĦALLFIN
GĦAL KULL STAT MEMBRU (MINN SETTEMBRU 2019)

2 256 UFFIĊJAL U MEMBRU
TAL-PERSUNAL



1 367 = 61 %
889 = 39 %

Ir-rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fi ħdan l-amministrazzjoni tqiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-medja oġġla tal-istituzzjonijiet Ewropej.

In-nisa jokkupaw:



54 %

tal-pożizzjonijiet
ta' amministratur



39 %

tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija (intermedji u superjuri)

IS-SENA ĠUDIZZJARJA

(QRATI KOLLHA INKLUŻI)

1 905

KAWŻI MRESSQA

1 739


KAWŻA MAGĦLUQA

2 500

KAWŻA PENDENTI

168 286

DOKUMENT PROĊEDURALI MNIŻŻEL FIR-REĠISTRI



TUL MEDJU TAL-KAWŻI

madwar **15.6**

-il xahar Il-Qorti tal-Ġustizzja **14.4**-il xahar
Il-Qorti Ġenerali **16.9**-il xahar



3 199

komunikazzjoni ġudizzjarja

ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

PERĊENTWALI TAL-ATTI
PPREŻENTATI PERMEZZ TA'
E-CURIA:

Il-Qorti tal-Ġustizzja

80 %

Il-Qorti Ġenerali

93 %

Numru ta' kontijiet

ta' aċċess għal e-Curia

6 588



e-Curia hija applikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Hija tippermetti lir-rappreżentanti tal-partijiet (fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali), kif ukoll lill-qrati nazzjonali fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li jiskambjaw l-atti proċedurali b'mezzi esklużivament elettroniċi.



Ara l-video fuq You Tube

ID-DIPARTIMENTI LINGWISTIĊI

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun tista' tittratta kawża tkun xi tkun il-lingwa uffiċjali tal-Unjoni li fih tkun tressqet. Hija mbagħad tippubblika l-ġurisprudenza tagħha f'dawn il-lingwi kollha.

24 LINGWA TAL-KAWŻA

552 KOMBINAZZJONI LINGWISTIKA

600 ĠURISTA-LINGWISTA SABIEX JITTRADUĊU D-DOKUMENTI MIKTUBA




Fil-Qorti tal-Ġustizzja, it-traduzzjonijiet jitwettqu skont sistema lingwistika obbligatorja, li tipprovdi għall-kombinazzjonijiet kollha tal-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Id-dokumenti li għandhom jiġu tradotti huma kollha testi legali tekniċi ħafna. Huwa għalhekk li d-dipartiment lingwistiku tal-Qorti tal-Ġustizzja jimpjega biss **ġuristi-lingwisti** li jkollhom taħriġ legali sħiħ, kif ukoll għarfien profund ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali minbarra l-ilsien matern tagħhom.

Volum ta' xogħol (numru ta' paġni għat-traduzzjoni):

1 245 000 paġna

Paġni prodotti mid-dipartiment tat-traduzzjoni legali:

1 265 000 paġna



Miżuri ta' ffrankar adottati mill-qradi sabiex jitnaqqas il-bżonn ta' traduzzjoni:

580 000 paġna



71 INTERPRETU GĦAS-
SEDUTI U GĦAL-LAQGĦAT :



617

**-IL SEDUTA U LAQGĦA
LI KELLHOM
INTERPRETAZZJONI
SIMULTANJA**



Ara l-video fuq YouTube

IL-FTUĦ GĦALL-PROFESSJONISTI U GĦAĊ-ĊITTADINI



2 824

MEMBRU TAL-ĠUDIKATURA NAZZJONALI LI NTLAQA'
FIL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FIL-KUNTEST TA' SEMINARJI,
TAĦRIĠ, ŻJARAT U STAGE



MADWAR

23 000 VIŻITATUR

- PROFESSJONISTI
- ĠURNALISTI
- STUDENTI
- ĊITTADINI







L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA



Alex Yuzhakov/shutterstock.com

A | HARSA LURA LEJN IS-SENTENZI PRINĊIPALI TAS-SENA

Saħħa u ambjent



Ara l-video fuq You Tube

It-tniġġis tal-arja, tal-art u tal-ilma kif ukoll ir-riskji marbuta mas-sustanzi perikolużi jikkostitwixxu sfida fuq livell dinji. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea nagħqdu sabiex jiġġieldu kontra dawn il-ħsarat billi stabbilixxew regoli stretti fuq livell tal-Unjoni u b'mod partikolari valuri ta' limitu komuni.

.....

Mistoqsija domandi minn qorti Belġjana li quddiemha kienu ressuq diversi abitanti tar-**Reġjun ta' Brussell-Kapitali**, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li ċittadini direttament ikkonċernati jistgħu jistħarrġu, permezz tal-qrati, l-għażla tal-post tal-**istazzjonijiet tal-kejl tal-kwalità tal-arja** u jiksbu, fil-konfront tal-awtorità kkonċernata, kull miżura neċessarja. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li miżuri xierqa sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid kwalità tajba tal-arja għandhom jittieħdu malli valur limitu jinqabeż f'punt wieħed biss ta' għbir ta' kampjuni f'żona partikolari.

► Sentenza *Craeynest et tas-26 ta' Ġunju 2019, C-723/17*

F'dak li jirrigwarda b'mod iktar speċifiku l-**valuri limitu għad-dijossidu tan-nitroġenu** validi mill-2010, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fuq rikors tal-Kummissjoni, li Franza kienet qabżithom b'mod sistematiku u persistenti f'diversi agglomerazzjonijiet u żoni, b'mod partikolari f'**Pariġi, Lyon, Marseille u Strasburgu**. Barra minn hekk, Franza kellha tiegħu l-miżuri neċessarji sabiex il-perijodu ta' qbiż ikun l-iqsar possibbli.

► Sentenza *Il-Kummissjoni vs Franza tal-24 ta' Ottubru 2019, C-636/18*

Direttiva Ewropea tal-1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill hija intiża li tipprevjeni, jew li tnaqqas kemm jista' jkun, l-effetti negattivi tat-dfin tal-iskart fl-art għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem. Għal dan il-għan, l-Istati Membri kellhom, sa mhux iktar tard mill-2009, iġibu l-landfills li jinsabu fit-territorju tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi stretti tad-Direttiva jew jagħlquhom. Fl-2015, l-**Italja** kienet għadha ma ħaditx il-miżuri neċessarji għal **44 landfill**: il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fuq rikors tal-Kummissjoni, in-nuqqas ta' dan l-Istat Membru li jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni.

► **Sentenza *Il-Kummissjoni vs L-Italja* tal-21 ta' Marzu 2019, C-498/17**

Fuq il-kwistjoni tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art min-**nitрати** minn sorsi agrikoli, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li **individwi u entitajiet direttament ikkonċernati** għandhom ikunu jistgħu jeżiġu li l-awtoritajiet kompetenti jadottaw il-miżuri neċessarji, sakemm il-livell ta' nitрати jaqbeż jew ikun jista' jaqbeż il-valur limitu ta' 50 mg/l għal wieħed jew iktar punti ta' kejl (jekk ir-rimi tal-komponenti tan-nitroġenu ta' oriġini agrikola jikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art inkwistjoni).

► **Sentenza *Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland* tat-3 ta' Ottubru 2019, C-197/18**

Skont id-dritt tal-Unjoni, kull proġett li jista' jkollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent għandu, qabel l-awtorizzazzjoni tiegħu, jiġi suġġett għal **evalwazzjoni tal-effetti** tiegħu. Fl-2008, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat, fuq rikors tal-Kummissjoni, li l-**Irlanda** kienet naqset milli twettaq dan l-obbligu peress li l-kostruzzjoni ta' **park ta' mtieħen tar-riħ** kienet għet awtorizzata mingħajr ma kienet ippreċeduta mill-imsemmija evalwazzjoni tal-effetti tagħha. Sabiex tirrimedja tali ommissjoni, l-evalwazzjoni kellha ssir iktar tard, jekk ikun il-każ wara li l-impjant jibda jopera. Dan setgħa jwassal għall-bidla, jew saħansitra għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni. Fl-2018, il-Kummissjoni ppreżentat rikors ulterjuri kontra l-Irlanda, li kienet għadha ma wettqitx tali evalwazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkundannatha għal somma f'daqqa ta' EUR 5 miljuni u għal pagamenti ta' penali ta' EUR 15 000 għal kull jum minn meta tingħata t-tieni sentenza u dan, sad-data tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fl-2008.

► **Sentenza *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* tat-12 ta' Novembru 2019, C-261/18**

F'Jannar 2017, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) inkludiet il-**bisfenol A** fil-lista tas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna li jkunu kandidati li jiġu suġġetti għall-awtorizzazzjoni, minħabba t-tossiċità tagħha, għar-riproduzzjoni. Il-klassifikazzjoni tal-bisfenol A f'din il-lista twassal għal obbligi legali għall-fornituri ta' prodott li jkollu tali sustanza u preċiżament obbligi ta' komunikazzjoni lill-atturi fil-katina ta' provvista, kif ukoll lill-konsumaturi finali. F'Lulju 2017, il-bisfenol A kienet is-suġġett ta' klassifikazzjoni għal sustanza ta' tħassib serju ħafna għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-proprjetajiet tagħha ta' sustanza li toħloq tfixkil endokrinali. Billi ċaħdet żewġ rikorsi ppreżentati minn assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-produtturi Ewropej ta' materjali plastiċi, u b'mod partikolari erba' kumpanniji attivi fil-kummerċjalizzazzjoni tal-bisfenol A, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-inklużjoni ta' din is-sustanza fil-lista tas-sustanzi "kandidati" u dan, anki jekk din tintuża bħala sustanza intermedja iżolata.

► **Sentenza *PlasticsEurope vs ECHA* tal-11 ta' Lulju 2019, T-185/17,**

► **Sentenza *PlasticsEurope vs ECHA* tal-20 ta' Settembru 2019, T-636/17**



Space-kraftu/shutterstock.com

Drittijiet u obbligi tal-migranti

Il-kriżi migratorja fl-Ewropa tibqa' tqajjem diversi kwistjonijiet. F'diversi okkażjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li teżamina kawżi dwar l-applikazzjonijiet għal ażil u l-ipproċessar tagħhom. Id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat ikollhom jissodisfaw biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni internazzjonali (id-Direttiva dwar ir-refuġjati). Barra minn hekk, huwa jipprevedi regoli dwar standards u proċeduri komuni applikabbli fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (id-Direttiva "ritorn"). Id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi wkoll regoli dwar it-tqassim bejn l-Istati Membri tar-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal ażil (Regolament "Dublin III").

.....

Fi **Franza**, matul il-perijodu ta' reintroduzzjoni temporanja ta' **kontrolli fil-fruntieri interni** minħabba theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna, A. Arib, ta' nazzjonalità Marokkina u ssuspettat li kien daħal illegalment fit-territorju Franċiż, ġie kkontrollat fil-viċinanza tal-fruntiera Spanjola. Adita mill-Cour de Cassation (Franza) dwar il-kwistjoni jekk Franza setgħetx tiddeċiedi li ma tapplikax fir-rigward ta' A. Arib il-proċedura prevista mid-Direttiva ritorn, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **fruntiera interna ta' Stat Membru li fiha jkunu reġgħu ġew stabbiliti kontrolli ma tistax tiġi assimilata ma' fruntiera esterna.**

► Sentenza Arib tad-19 ta' Marzu 2019, C-444/17

F'kawża oħra, tliet detenturi jew applikanti għall-istatus ta' refuġjat ġiehom irrevokat jew irrifjutat dan l-istatus għal raġunijiet marbuta mal-**protezzjoni tas-sigurtà jew tas-soċjetà** tal-Istat Membru ospitanti. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, sakemm ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jkollha **biża' fondata ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu**, hija għandha tiġi kklassifikata bħala "refuġjat" **fis-sens tad-Direttiva dwar ir-refuġjati u tal-Konvenzjoni ta' Genève**, u dan, indipendentement mill-fatt li jsir magħruf jekk l-istatus ta' refuġjat ikunx ingħatalu formalment.

► Sentenza M, X u X tal-14 ta' Mejju 2019, C-391/16 et

Ir-Regolament “Dublin III” jipprovdi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema jkun l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mressqa quddiem wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew minn persuna apolida. Fil-kuntest ta’ Brexit, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li **Stat Membru** li jkun ikkomunika **l-intenzjoni tiegħu li jgħodgħ mill-Unjoni, jibqa’ l-Istat responsabbli fis-sens tar-Regolament Dublin III**. Madankollu, huwa kull Stat Membru li għandu jiddetermina ċ-ċirkustanzi li fihom huwa jkun jixtieq jaċċetta li jeżamina huwa stess applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li għaliha ma jkunx responsabbli.

► Sentenza *M.A. et tat-23 ta’ Jannar 2019, C-661/17*

Fl-aħħar nett, mistoqsija minn qorti Ġermaniża dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li applikant għal ažiż jista’ jiġi ttrasferit lejn l-Istat Membru li jkun normalment responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu, **sakemm il-kundizzjonijiet tal-ħajja prevedibbli ma jesponuhx għal sitwazzjoni ta’ astensjoni materjali estrema, kuntrarja għall-prinċipju ta’ projbizzjoni ta’ trattamenti inumani jew degradanti**. Fi kliem ieħor, Stat Membru jista’ jirrifjuta li jittrasferixxi l-applikanti għal ažiż lejn l-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, meta jkun hemm nuqqasijiet sistemiċi.

► Sentenzi *Jawo et tad-19 ta’ Marzu 2019, C-163/17 et*





Stat tad-dritt



Ara l-video fuq You Tube

L-Istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri komuni għall-Istati Membri tal-Unjoni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni (Artikolu 2 TUE). Dan huwa bbażat fuq il-kunċett li jgħid li ħadd ma huwa fuq liġi u għandu bħala korollarji essenzjali l-legalità, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, iċ-ċertezza legali, il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà, il-ġustizzja aċċessibbli quddiem imħallfin indipendenti u imparzjali, kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, bħala prinċipji ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

Fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet dwar il-kunċett ta' Stat tad-dritt, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja mill-poteri eżekuttivi u leġiżlattivi. Min-naħa tagħha, il-Qorti Ġenerali kellha l-okkażjoni li tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali.

.....

Fil-kuntest ta' żewġ rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentati mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-riforma ġudizzjarja Pollakka tal-2017, f'dak li jirrigwarda l-età tal-irtirar tal-imħallfin u tal-maġistrati tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, kif ukoll il-Liġi Pollakka tal-2018 li kienet naqqset l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema, billi tipprevedi l-possibbiltà li jibqgħu fil-kariga lil hinn minn din l-età fuq awtorizzazzjoni diskrezzjonali tal-President tar-Repubblika, jippreġudikaw l-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja.

► Sentenza II-Kummissjoni vs II-Polonja tal-5 ta' Novembru 2019, C-192/18, u

► Sentenza II-Kummissjoni vs II-Polonja tal-24 ta' Ġunju 2019, C-619/18

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Awla Dixxiplinari l-ġdida tal-Qorti Suprema Pollakka, stabbilita fl-2017, għandha tissodisfa r-rekwiżit ta' indipendenza tal-imħallfin. Fin-nuqqas ta' dan, hija ma tkunx tista' teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha għat-tilwim dwar l-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema.

► Sentenza A.K. et tad-19 ta' Novembru 2019, C-585/18 et

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-**Uffiċċju tal-Prosekutur Ġermaniż, kuntrarjament għall-Prosekutur Ġenerali tal-Litwanja u għall-maġistrati tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fi Franza, ma joffrix garanzija ta' indipendenza suffiċjenti** sabiex ikun jista' joħroġ mandat ta' arrest Ewropew.

► [**Sentenzi OG et tas-27 ta' Mejju 2019, C-508/18 et**](#)

► [**Sentenza JR et tat-12 ta' Diċembru 2019, C-566/19 et**](#)

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-**validità tal-mandati ta' arrest Ewropej** maħruġa mill-uffiċċji tal-prosekutur li huma esposti għar-riskju, dirett jew indirett, li jkunu suġġetti għall-ordni ta' ministru, jew anki maħruġ minn awtorità amministrattiva, **peress li l-imsemmija mandati jġu mistħarrġa, qabel jew wara, minn imħallfin indipendenti.** Hija rrikonoxxiet ukoll il-validità tal-mandati maħruġa **għall-eżekuzzjoni ta' piena li tkun diġà s-suġġett ta' sentenza,** anki jekk l-awtorità li tagħtiha ma tkunx qorti, u dan, anki meta ma jkunx previst rikors ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni tal-imsemmija awtorità.

► [**Sentenza NJ tad-9 ta' Ottubru 2019, C-489/19**](#)

► [**Sentenza XD tat-12 ta' Diċembru 2019, C-625/19**](#)

► [**Sentenza ZB tat-12 ta' Diċembru 2019, C-627/19**](#)

Permezz ta' sensiela ta' sentenzi, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjonijiet tal-Kunsill li **jiffriża l-assi** ta' seba' personalitajiet Ukraini, fosthom Viktor Yanukovich, ex President tal-Ukraina, li kienu s-suġġett ta' proċeduri kriminali f'dan l-Istat għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kkritikat lill-Kunsill li ma vverifikax li, f'dawn il-proċeduri, id-drittijiet fundamentali għad-difiża u għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma kinux ġew irrispettati mill-awtoritajiet Ukraini.

► [**Sentenzi Yanukovich vs Il-Kunsill et tal-11 ta' Lulju 2019, T-244/16 et**](#)



Alexander Supertramp / Shutterstock.com



Ivan Marc / shutterstock.com

Protezzjoni tad-*data* personali u Internet



Ara l-video fuq You Tube

Ir-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali għandhom l-għan li jiddefinixxu qafas solidu u koerenti ta' protezzjoni tad-*data*, ikun xi jkun il-mod ta' għbir tagħha (xiri online, self bankarju jew ukoll riċerka ta' xogħol). Dawn ir-regoli japplikaw kemm għall-impriżi kif ukoll għall-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati stabbiliti fi jew barra mill-UE, li jipproponu oġġetti jew servizzi, bħal Facebook jew Amazon, meta jitolbu jew jużaw mill-ġdid id-*data* personali ta' ċittadini tal-UE. FI-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni diversi drabi dwar ir-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-għbir u mill-ipproċessar tad-*data* personali, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-*data* online.

B'dan il-mod, f'kawża dwar talba ta' persuna li jitneħħa **kumment**, ta' natura li jippreġudika l-unur tagħha, li utent kien ippubblika fuq **Facebook**, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li fornitur ta' servizzi ta' hosting bħal Facebook jiġi obligat ineħħi jew jimblokka l-aċċess għal kull kontenut li jkun identiku jew, taħt ċerti kundizzjonijiet, ekwivalenti għal dak ta' informazzjoni preċedement meqjusa illegali mill-qrati. Din l-ordni tista' saħansitra tipproduċi l-effetti tagħha fuq livell dinji, skont id-dritt internazzjonali applikabbli li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mill-Istati Membri.

► Sentenza *Eva Glawischnig-Piesczek vs Facebook Ireland Limited* tat-3 ta' Ottubru 2019, C-18/18

Id-dritt tal-Unjoni huwa intiż ukoll li jipproteġi lill-utent minn kull indħil fil-ħajja privata tiegħu, b'mod partikolari kontra r-riskju li identifikaturi moħbija jew dispożittivi simili oħra jidhru fit-tagħmir informatiku tiegħu mingħajr ma jkun jaf. F'din il-perspettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja temmet id-dibattitu dwar l-espressjoni tal-kunsens għall-ħażna u għall-użu tax-xhieda tan-navigazzjoni, imsejħa **"cookies"**. Fil-fatt, hija qieset li l-kunsens li l-utent ta' sit internet għandu jagħti għat-tqegħid u għall-konsultazzjoni ta' cookies fit-tagħmir tiegħu għandu jkun speċifiku u ma jingħatax validament permezz ta' kaxxa mmarkata awtomatikament li dan l-utent ikollu jaħbi sabiex jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu.

► Sentenza Planet49 GmbH tal-1 ta' Ottubru 2019, C-673/17

Fil-qasam tad-**data sensittiva**, id-domandi preliminari tal-Conseil d'État Franċiż wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha. Hija kkonstatat li l-projbizzjoni li jiġu pproċessati ċerti kategoriji ta' **data** personali sensittiva tapplika wkoll għall-operatori ta' muturi ta' tfittxija, bħal Google. Meta l-operator ta' tali mutur jiġi adit b'**talba għat-tneħħija ta' referenza** li twassal għal link lejn paġna internet li fuqha tkun qed tiġi ppubblikata **data** sensittiva, huwa għandu jwettaq ibbilanċjar bejn id-drittijiet fundamentali tal-persuna li titlob it-tneħħija ta' referenza u dawk tal-utenti internet potenzjalment interessati minn din l-informazzjoni.


► Sentenza GC et tal-24 ta' Settembru 2019, C-136/17

F'kawża oħra li tikkonċerna lil Google u talba għat-tneħħija ta' referenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq operator ta' mutur tat-tfittxija li jwettaq tali tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-mutur ta' tfittxija tiegħu. Madankollu, l-operator huwa marbut li jwettaq tali **tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet tal-mutur tiegħu li jikkorrispondu għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni** u li jieħu miżuri li jippermettu li jipprekludu jew jiskoraġġixxu serjament lill-utenti internet li jwettqu tfittxija abbażi tal-isem tal-persuna kkonċernata minn wieħed mill-Istati Membri milli jkollhom aċċess, permezz tal-lista ta' riżultati miksuba, permezz ta' verżjoni ta' dan il-mutur "barra mill-UE", għal-links li jkunu s-suġġett tat-talba għat-tneħħija ta' referenza.

► Sentenza Google LLC tal-24 ta' Settembru 2019, C-507/17

Fl-aħħar nett, f'kawża li tikkonċerna impriża ta' bejgħ ta' ħwejjeġ online li kienet daħħlet fis-sit internet tagħha l-**buttuna "jogħġobni" ta' Facebook**, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-amministratur tas-sit jista' jkun responsabbli konġuntament, ma' Facebook, għall-ġbir u għat-trażmissjoni lil Facebook tad-**data** personali ta' min jaċċedi għas-sit tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-amministratur tas-sit ma huwiex, bħala prinċipju, responsabbli għall-ipproċessar ulterjuri ta' din id-**data** minn Facebook.

► Sentenza Fashion ID GmbH tad-29 ta' Lulju 2019, C-40/17



Protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema



Ara l-video fuq You Tube

Id-dritt tal-Unjoni jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema b'diversi modi. Huwa jiggarantixxi l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali fil-qasam tal-impjeg, billi jipprojbixxi diskriminazzjoni bbażata, fost oħrajn, fuq ir-reliġjon, u billi jipprovdi regoli dwar ir-remunerazzjoni ugwali għall-irġiel u n-nisa. Huwa jorganizza l-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, bil-għan li jiżgura, fl-istess ħin, l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-irġiel u tan-nisa f'dan il-qasam. Barra minn hekk, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi diversi regoli li jirrigwardaw il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' xogħol, bħall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, kif ukoll it-titjib tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema. Fl-aħħar nett, huwa jiggarantixxi l-mobbiltà tal-professionijiet liberi fi ħdan l-Unjoni.

Fl-Awstrija, il-Ġimgħa l-Kbira hija btala pubblika mħallsa biss għall-membri tal-Knejjes ta' konfessjoni Protestanti ta' Augsburg u Żvizzeri, tal-Knisja kattolika antika u tal-Knisja Evangelika Metodista: persuna ta' fidi li tintalab taħdem matul din il-għurnata għandha dritt li tirċievi allowance addizzjonali għal btala pubblika. Madankollu, ħaddiem impjegat ta' Cresco Investigation, membru ma' ebda waħda mill-knejjes inkwistjoni, ressaq rikors kontra l-persuna li timpjegah. L-għoti, fl-Awstrija, ta' btala pubblika mħallsa fil-Ġimgħa l-Kbira biss lill-ħaddiema li jappartjenu għal ċerti knejjes jikkostitwixxi **diskriminazzjoni minħabba r-reliġjon li hija pprojbata mid-dritt tal-Unjoni**.

► Sentenza Cresco Investigation tat-22 ta' Jannar 2019, C-193/17

Fi Spanja, l-ammont tal-pensjoni ta' persuna rtirata ġie kkalkolat mill-Instituto Nacional de la Seguridad Social (l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali) billi ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li hija kienet ħadmet **part-time** matul parti kbira tal-ħajja professjonali tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-leġiżlazzjoni Spanjola toħloq effetti sfavorevoli għall-ħaddiema part-time meta mqabbla mal-ħaddiema full-time, ħaġa li tikkostitwixxi **diskriminazzjoni indiretta** u hija partikolarment **żvantaġġu fir-rigward tal-ħaddiema nisa**.

► Sentenza Villar Láz tat-8 ta' Mejju 2019, C-161/18

Fi **Franza**, impjegata kkontestat il-modalitajiet ta' kalkolu tal-allowance ta' tkeċċija u tal-allowance ta' leave ta' klassifikazzjoni mill-ġdid li tħallsu lilha mill-persuna li timpjegaha fil-kuntest tat-tkeċċija tagħha, li seħħet waqt li kienet fuq leave parentali part-time. Adita mill-Cour de cassation Franċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li peress li n-numru ta' nisa li jibbenefikaw minn **leave parentali part-time** huwa kunsiderevolment ogħla minn dak tal-irġiel, **il-liġi Franċiża ma hijiex konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa.**

► **Sentenza Praxair MRC tat-8 ta' Mejju 2019, C-486/18**

F'kawża oħra, it-talba ta' E. Bogatu, ċittadin Rumen residenti fl-Irlanda, sabiex ikun jista' jirċievi **benefiċċji tal-familja Irlandiżi** għat-tfal tiegħu residenti fir-Rumanija kienet ġiet miċħuda. Dan ir-rifjut kien ibbażat fuq il-fatt li huwa ma kien jissodisfa ebda waħda mill-kundizzjonijiet li jagħtu dritt għal benefiċċji tal-familja, fin-nuqqas ta' eżerċizzju ta' attività bħala persuna impjegata fl-Irlanda jew riċezzjoni ta' benefiċċju ta' natura kontributorja. Fid-dawl tar-Regolament dwar **il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali**, il-Qorti tal-Ġustizzja min-naħa l-oħra ċċarat li d-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix li persuna teżerċita attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru sabiex hemmhekk tibbenefika minn benefiċċji tal-familja għat-tfal tagħha li jkunu jirrisjedu fi Stat Membru ieħor.

► **Sentenza Bogatu tas-7 ta' Frar 2019, C-322/17**

Mistoqsija mill-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali, Spanja), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Istati Membri għandhom jobbligaw lill-persuni li jimpjegaw jistabbilixxu **sistema li tkejjel it-tul tal-ħin tax-xogħol ta' kuljum**. Din is-sistema għandha tkun **oġġettiva, affidabbli u aċċessibbli**. Dan jigarantixxi l-effett utli tad-drittijiet mogħtija mill-Karta u mid-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol, li jikkonsisti f'li tiġi żgurata protezzjoni aħjar tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema.

► **Sentenza CCOO tal-14 ta' Mejju 2019, C-55/18**

F'kawża Griega, il-**Kamra tal-Avukati ta' Atena** ċaħdet it-talba, imressqa minn patri li għandu l-**kwalifika ta' avukat f'Ċipru**, sabiex jiġi rreġistrat fir-reġistru speċjali sabiex jeżerċita l-professjoni ta' avukat, minħabba l-inkompatibbiltà bejn il-kwalità tiegħu ta' patri u l-professjoni ta' avukat. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar l-istabbiliment tal-avukati **tipprekludi l-projbizzjoni tal-leġiżlazzjoni Griega li tipprevedi tali inkompatibbiltà**. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-regoli tal-kondotta professjonali u etiċi **ma jiġġustifikax in-nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni**, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

► **Sentenza Monachos Eirinaios tas-7 ta' Mejju 2019, C-431/17**





Konsumaturi



Ara l-video fuq You Tube

Il-protezzjoni tal-konsumaturi hija waħda mill-preokkupazzjonijiet kostanti tal-Unjoni Ewropea. Hija tiżgura li jiġu applikati r-regoli li jipproteġuhom sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tagħhom u jitjieb l-għarfien tad-drittijiet tagħhom. Fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tippreċiżar, f'diversi okkażjonijiet u f'diversi oqsma, il-portata ta' dawn id-drittijiet. Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, pereżempju, issa hew fl-2019.

Fil-kuntest ta' titjira b'konnessjoni, bi tluq minn Stat Membru u destinazzjoni fi Stat terz permezz ta' Stat terz ieħor li kienet is-suġġett ta' riżervazzjoni waħda, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-**trasportatur tal-ajru li jkun wettaq l-ewwel titjira** huwa marbut li **jikkumpensa** lill-passiġġieri li jkun sofrew dewmien twil fil-wasla tat-tieni titjira mwettqa minn trasportatur tal-ajru stabbilit barra mill-Unjoni. B'hekk, passiġġier vittma ta' dewmien ta' tliet sigħat jew iktar fid-destinazzjoni finali tiegħu, li **torìgina mit-tieni titjira** assicurata, fil-kuntest ta' ftehim ta' kondiwiżjoni tal-kodiċi, minn trasportatur stabbilit f'pajjiż terz, jista' jitlob kumpens taħt id-dritt tal-Unjoni kontra t-transportatur tal-ajru tal-Unjoni li jkun wettaq l-ewwel titjira.

► Sentenza *České aerolinie* tal-11 ta' Lulju 2019, C-502/18

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li trasportatur tal-ajru huwa marbut li **jikkumpensa** lill-passiġġieri għal dewmien ta' tliet sigħat jew iktar, anki jekk dan ikun dovut għal ħsara f'rota kkawżata minn vit li jinsab fuq il-mitjar. Madankollu, it-transportatur huwa marbut jikkumpensa biss **meta jintwera li ma jkunx uża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jillimita d-dewmien tat-titjira**.

► Sentenza *Germanwings* tal-4 ta' April 2019, C-501/17

F'kawża li tirrigwarda l-**kummerċ elettroniku**, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li pjattaforma bħal Amazon ma hijiex obligata, fil-każijiet kollha, li tqiegħed numru tat-telefon għad-dispożizzjoni tal-konsumatur qabel il-konklużjoni ta' kuntratt. Madankollu, id-dritt tal-Unjoni jimponi fuqha li **tqiegħed għad-dispożizzjoni mezz ta' komunikazzjoni** li jippermetti lill-konsumatur jikkuntattja malajr il-pjattaforma u jikkomunika magħha b'mod effettiv (formola ta' kuntatt elettroniku, sistema ta' posta istantanja jew ta' telefonata lura).

► [**Sentenza Amazon EU tal-10 ta' Lulju 2019, C-649/17**](#)

Dejjem fir-rigward tax-xiri online, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li d-**dritt ta' rinunzja tal-konsumaturi** japplika wkoll għax-xiri ta' **saqqu** li l-qoxra ta' protezzjoni tiegħu jkun tneħħa wara l-kunsinna. B'hekk, bħal fil-każ ta' libsa, jista' jiġi preżunt li l-kummerċjant ikun f'pożizzjoni li jgħib is-saqqu, permezz ta' tindif jew diżinfestazzjoni, idoneu għal kummerċjalizzazzjoni mill-ġdid, mingħajr ma jippreġudika r-rekwiżiti ta' iġjene jew ta' protezzjoni tas-saħħa. Madankollu, il-konsumatur għandu jwieġeb għal kull deprezzament tal-oġġett li jirriżulta minn manipolazzjoni differenti minn dik neċessarja sabiex jistabbilixxi n-natura, il-karatteristiċi u t-tħaddim tajjeb tiegħu.


► [**Sentenza slewo tas-27 ta' Marzu 2019, C-681/17**](#)

F'kawża li tirrigwarda l-**hłas ta' biljett tal-ferrovija permezz ta' debitu dirett**, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li klawżola kuntrattwali, inkluża fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' trasport tal-impriża ferrovjarja Ġermaniża Deutsche Bahn, li kienet tippermetti lill-utenti jgawdu mill-iskema ta' debitu dirett SEPA biss bil-kundizzjoni li jkollhom domiċilju fil-Ġermanja, tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Din il-kundizzjoni ta' domiċilju fit-territorju nazzjonali twassal indirettament sabiex jiġi indikat l-Istat Membru li fih għandu jinsab il-kont tal-hłas, ħaġa li hija espliċitament ipprojbata għall-benefiċjarju ta' debitu dirett.

► [**Sentenza Verein für Konsumenteninformation tal-5 ta' Settembru 2019, C-28/18**](#)

Mill-2015, il-**Ġermanja** stabbilixxiet qafas legali li jipprevedi l-introduzzjoni ta' **tariffa għall-użu**, minn vetturi bil-mutur privati, **tat-toroq federali**, inklużi l-awtostradi. B'hekk, kull proprjetarju ta' vettura rreġistrata fil-Ġermanja kellu jħallas din it-tariffa, fil-forma ta' vinjetta annwali. Għall-vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż, it-tariffa kellha titħallas biss fil-każ tal-użu tal-awtostradi. Fl-istess ħin, il-Ġermanja pprevediet li s-sidien ta' vetturi rreġistrati fil-Ġermanja jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa għal ammont mill-inqas ekwivalenti għal dak tat-tariffa mħallsa. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fil-prattika, il-piż ekonomiku kien ibbażat biss fuq is-sidien u s-sewwieqa ta' vetturi rreġistrati fi Stati Membri oħra. Konsegwentement, hija qieset li din it-tariffa kienet diskriminatorja u b'hekk kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.

► [**Sentenza L-Awstrija vs Il-Ġermanja tat-18 ta' Ġunju 2019, C-591/17**](#)



Casimiro PT/shutterstock.com

Fl-aħħar nett, f'kawża dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-ħruġ tat-**tikketta Ewropea AB (biedja organika)** għal prodotti li joriġinaw minn annimali li kienu s-suġġett ta' **qatla ritwali mingħajr sturdament**, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li tali Prattika ma tosservax l-oġġla regoli fil-qasam tal-benesseri tal-annimali. Konsegwentement, hija ddeċidiet li r-regoli tad-dritt tal-Unjoni ma jawtorizzawx it-twaħħil tal-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea fuq prodotti li jkunu ġejjin minn annimali li kienu s-suġġett ta' tali qatla.

► Sentenza *Œuvre d'assistance aux bêtes d'abattoirs* tas-26 ta' Frar 2019, C-497/17





Copyright

Proprietà intellettuale

L-Unjoni Ewropea stabbilixxiet sistema effikaċi ħafna ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali li tippermetti li dak li jkun jiddisponi minn strumenti xierqa sabiex jipproteġi, u jiddefendi, it-trade marks, il-privattivi u d-disinni, kif ukoll ix-xogħlijiet letterarji u artistiki. Dawn ir-regoli kollha jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-impriżi, għall-ħolqien ta' impjegi, għall-finanzjament tar-riċerka u għall-protezzjoni tal-innovazzjoni. Fl-2019, il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja intervjenew diversi drabi f'dan il-qasam, b'mod partikolari permezz ta' sentenzi li jippreċiżaw, minn naħa, il-kundizzjonijiet li fihom ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni tista' tingħata, min-naħa l-oħra, il-parametri tal-kontraffazzjoni ta' mudell jew ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti.

.....

F'dak li jirrigwarda r-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-mala fide li taffettwa l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha twassal għall-invalidità tagħha. It-trade mark inkwistjoni kienet ikkostitwita mill-isem tal-futbolier Neymar Da Silva Santos Júnior. Hija kisbet l-invalidità tar-reġistrazzjoni peress li l-Qorti Ġenerali qieset li ma kienx konċepibbli li meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark **NEYMAR**, l-applikant ma kienx jaf bl-eżistenza tal-futbol. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li ebda raġuni oħra għajr ir-rieda li tiġi sfruttata b'mod parassitiku r-reputazzjoni tal-futbolier ma setgħet tispjega l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

► Sentenza *Moreira vs EUIPO* — *Neymar Da Silva Santos Júnior* tal-14 ta' Mejju 2019, T-795/17

F'kawża li kienet tirrigwarda trade mark ippreżentata mill-kumpannija **adidas** u li kienet tikkonsisti fi tliet strixxi paralleli ekwidistanti tal-istess wisa', applikati fuq il-prodott fi kwalunkwe direzzjoni, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-annullament, għal nuqqas ta' użu, tat-trade mark inkwistjoni peress li adidas ma pprovatx li din it-trade mark b'mod partikolari kienet intużat fit-territorju kollu tal-Unjoni u li hija kienet kisbet, f'dan it-territorju kollu, karattru distintiv wara l-użu li kien sar minnha.

► **Sentenza *adidas vs EUIPO — Shoe Branding Europe* tad-19 ta' Ġunju 2019, T-307/17**

Kunċett ieħor tad-dritt tat-trade marks li fuqu l-Qorti Ġenerali kellha tagħti deċiżjoni huwa dak tal-forma li l-karatteristiċi essenzjali tagħha jkunu neċessarji għall-kisba ta' riżultat tekniku. It-trade mark suġġetta għall-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali kienet trade mark figurattiva li tirrappreżenta l-logħoba **Rubik's Cube**. Ir-reġistrazzjoni tagħha ġiet annullata peress li l-Qorti Ġenerali qieset li l-karatteristika essenzjali kkostitwita mil-linji suwed li jgħaddu minn fuq xulxin, orizzontalment u vertikament, fuq kull wiċċ tal-kubu, u b'hekk jaqsmuh f'disa' kubi żgħar tal-istess daqs imqassma tlieta għal tlieta, kienet neċessarja għall-kisba tar-riżultat tekniku mfittex.

► **Sentenza *Rubik's Brand Ltd vs EUIPO* tal-24 ta' Ottubru 2019, T-601/17**

Fil-qasam tad-dritt tat-trade marks, teżisti l-possibbiltà li ssir oppożizzjoni għal applikazzjoni għal reġistrazzjoni meta teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjali li għalih tkun saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni u trade mark preċedenti. B'dan il-mod, il-proprietarju tat-trade mark **CHIARA** oppona r-reġistrazzjoni tas-sinjali kompost miż-żewġ elementi verbali CHIARA FERRAGNI b'ittri kapitali suwed, li tagħhom l-ittri "i" kienu b'tipa grassa, u minn element figurattiv imqiegħed fuq elementi verbali, ikkostitwit minn disinn li jirrappreżenta għajin b'xagħar iswed twil. Il-Qorti Ġenerali qieset li s-sinjali kellhom livell baxx ta' xebh viżiv u fonetiku u li, mill-aspett kunċettwali, kienu differenti. Barra minn hekk, peress li l-prodotti kkonċernati (basktijiet u fwejjeġ) ġeneralment jinbiegħu fi ħwienet self-service, fejn ix-xiri jkun ibbażat prinċipalment fuq għażla viżiva, id-differenzi bejn iż-żewġ trade marks jeskludu li l-konsumaturi jkunu jistgħu jaħsbu li l-prodotti jkollhom l-istess oriġini.

► **Sentenza *Serendipity et ("Chiara Ferragni") vs EUIPO* tat-8 ta' Frar 2019, T-647/17**

Il-Qorti Ġenerali ttrattat ukoll kwistjoni dwar id-dritt tad-disinn, dwar mudell ta' **scooter**. Il-Qorti Ġenerali kellha tiddetermina jekk il-mudell Komunitarju ta' scooter miżmum minn kumpannija Ċiniża kienx jirriproduċi l-karatteristiċi tal-mudell **VespaLX** tal-kumpannija Taljana Piaggio. Il-Qorti Ġenerali qabblet iż-żewġ mudelli u kkonkludiet li ż-żewġ scooters jipproduċu impressjonijiet globali differenti u li l-ewwel wieħed għandu karattru individwali meta mqabbel mat-tieni wieħed. Fil-fatt, filwaqt li l-iscooter tal-kumpannija Ċiniża huwa ddominat minn linji sostanzjalment angolati, l-iscooter Vespa LX jipprivileġja linji mdawra. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba tal-kumpannija Taljana u awtorizzat ir-reġistrazzjoni tal-iscooter Ċiniż.

► **Sentenza *Piaggio & co vs EUIPO — Zhejiang Zhongneng Industry Group ("Vespa")* tal-24 ta' Settembru, T-219/18**



OvuDng / shutterstock.com

Fil-qasam tal-indikazzjonijiet tal-orġini, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-protezzjoni tad-denominazzjoni “Aceto Balsamico di Modena” (hall balsamiku ta’ Modena), irreġistrata mill-2009 fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta’ orġini protetti (DOP) u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP), ma testendix għall-użu tal-kliem mhux ġeografiċi tagħha, b’mod partikolari l-kliem “Aceto” u “balsamico”. Il-produttur Ġermaniż seta’ għalhekk jindika l-prodotti tiegħu bil-kliem “**balsamico**” u “**deutscher balsamico**”.

► *Sentenza **Consorzio Tutela Aceto Balsamico di Modena vs Balema GmbH** tal-4 ta’ Diċembru 2019, C-432/18*

Fl-aħħar nett, kienet il-kwistjoni tas-**sampling** u tal-ksur eventwali tad-drittijiet ta’ produttur ta’ fonogramma li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha taqta’. F’kawża li kienet tirrigwarda l-grupp Ġermaniż **Kraftwerk**, hija b’dan il-mod qieset li l-inklużjoni mhux awtorizzata, f’fonogramma, permezz ta’ sampling, ta’ kampjun sonoru meħud minn fonogramma oħra tista’ tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-produttur li ma jkunx ta l-awtorizzazzjoni tiegħu. Madankollu, l-użu f’forma mibdula u li ma tistax tingħaraf mas-smiġħ ta’ kampjun sonoru meħud minn fonogramma ma jikkostitwixxi ksur ta’ dawn id-drittijiet, anki fl-assenza ta’ tali awtorizzazzjoni.

► *Sentenza **Pelham et** tad-29 ta’ Lulju 2019 C-476/17*



Murvin/ shutterstock.com

balsamic vinegar

Għajnuna mill-Istat

Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, l-Unjoni Ewropea tiżgura li r-regoli tal-kompetizzjoni ħielsa jiġu osservati. Fost dawn ir-regoli hemm dawk li jipprojbixxu lill-Istati Membri milli jagħtu lill-operaturi ekonomiċi sussidji li għalihom il-kompetituri tagħhom ma jkunux jistgħu jkollhom aċċess. Fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali qatgħu diversi kawżi dwar għajnuna mill-Istat u dan, f'oqsma daqstant varji bħall-enerġija rinnovabbli, il-futbol u l-Formula 1. Ingħataw sentenzi fil-qasam fiskali u b'mod partikolari fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' "tax ruling" ta' ċerti Stati Membri li taw lil impriżi multinazzjonali trattament fiskali partikolari li l-Kummissjoni qieset li kienu inkompatibbli mas-suq intern.

Fir-rigward tad-deċiżjonijiet nazzjonali ta' "tax ruling", il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-miżura ta' għajnuna implimentata mil-Lussemburgu favur **Fiat Chrysler Finance Europe (FFT)**, impriża tal-grupp Fiat li tipprovdi servizzi finanzjarji lill-kumpanniji tal-grupp stabbiliti fl-Ewropa. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-remunerazzjoni għal dawn is-servizzi ma kinitx għet iddeterminata f'kundizzjonijiet tas-suq u li din il-prattika, invalidata mill-awtoritajiet Lussemburġi, ippermettiet lil FFT tnaqqas il-piż fiskali tagħha għad-detriment tal-kompetituri tagħha suġġetti għar-regoli normali tad-dritt fiskali Lussemburġi.

► Sentenza Il-Lussemburgu u Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2019, T-755/15 et

Min-naħa l-oħra, f'kawża oħra ta' "tax ruling", il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-**Pajjiżi l-Baxxi** favur **Starbucks**. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex turi li Starbucks kienet kisbet vantaġġ kompetittiv għat-trattament fiskali tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp Starbucks mill-awtoritajiet Olandiżi.

► Sentenzi Il-Pajjiżi l-Baxxi, Starbucks et vs Il-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2019, T-760/15 et

Dejjem fil-qasam tal-evalwazzjoni tal-miżuri fiskali tal-Istati Membri fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li kemm it-**taxxa Pollakka fis-settur tal-bejgħ bl-imnut** kif ukoll it-**taxxa Ungeriża fuq ir-reklamar** huma kompatibbli ma' dawn ir-regoli. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li dawn il-piżijiet fiskali, li ma jolqtux l-attività tal-persuni taxxabbli bi dħul baxx iżda li huma ta' natura progressiva għall-persuni taxxabbli li jwettqu dħul mill-bejgħ sinjifikattiv, ma jagħtux, minħabba din in-natura biss, vantaġġ kompetittiv favur impriżi li jwettqu dħul iktar baxx. Dawn ir-regoli fiskali huma koerenti mal-għan tagħhom li jiffinanzjaw il-baġit ġenerali b'tali mod li l-impriżi ta' daqs kbir li jistgħu jiksbu ekonomiji ta' skala differenti jgħallu proporzjonalment iktar taxxi minn impriżi żgħar.

► Sentenza *Il-Polonja vs Il-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2019*, T-836/16 et u

► sentenza *L-Ungerija vs Il-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2019*, T-20/17

Il-Qorti Ġenerali annullat ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddikjarat li intervent ta' sostenn ta' **konsorzju rregolat mid-dritt privat bejn banek Taljani** favur wieħed mill-membri tiegħu kien jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat. Dan l-intervent kien ta' natura volontarja, intiż li joffri lill-membri f'diffikultà finanzjarja soluzzjoni iktar vantaġġuża milli kieku kellu jirrikorri għall-intervent obligatorju impost mil-liġi Taljana sabiex jirrimborsa lid-depożitanti tiegħu. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni la wriet il-parteċipazzjoni tal-Istat Taljan f'dan l-intervent u lanqas l-użu ta' fondi pubbliċi Taljani, b'tali mod li dan l-intervent ma jistax jiġi kklassifikat bħala għajjnuna mill-Istat.

► Sentenza *L-Italja vs Il-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2019*, T-98/16 et

Fil-qasam tal-isport, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikklassifika bħala għajjnuna mill-Istat l-iskema fiskali li minnha jibbenefikaw il-**klabbijiet tal-futbol Spanjoli FC Barcelona, Real Madrid, Athletic Bilbao u Atlético Osasuna**. Kuntrarjament għall-klabbijiet sportivi Spanjoli l-oħra, li kellhom jinbidlu f'kumpanniji pubbliċi sportivi b'responsabbiltà limitata, dawn l-erba' klabbijiet qed ikomplu joperaw bħala entitajiet mingħajr skop ta' lukru, fatt li l-Kummissjoni qieset li jippermettilhom jibbenefikaw minn rata nominali ta' tassazzjoni iktar baxxa. Madankollu, skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni naqset milli tivverifika jekk il-limitu massimu, għall-erba' klabbijiet, tat-tnaqqis fiskali marbut mal-akkwist ta' futbolsers ġodda fuq livell inferjuri milli għall-klabbijiet l-oħra kienx jikkompensa l-vantaġġ fiskali msemmi iktar 'il fuq.

► Sentenzi *Athletic Club u Fútbol Club Barcelona vs Il-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2019*, T-679/16 et

Fl-istess qasam, il-Qorti Ġenerali vvalidat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li l-proprjetarju l-ġdid taċ-**ċirkwit tat-tiġrijiet tal-vetturi Nürburgring**, li l-ex proprjetarji tagħhom kienu jibbenefikaw minn għajjnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern, ma jistax jiġi ordnat iħallas lura din l-għajjnuna mingħand l-awtoritajiet Ġermaniżi. Il-proċedura ta' sejħa għal offerti, li permezz tagħha kien inbiegħ l-operat taċ-ċirkwit, kienet saret b'mod miftuħ, trasparenti u nondiskriminatorju, li kienet wasslet għal prezz ta' bejgħ konformi mas-suq u ma kienx hemm kontinwità ekonomika bejn il-proprjetarji preċedenti u l-proprjetarju l-ġdid.

► Sentenzi *NeXovation, Inc. U Ja zum Nürburgring vs Il-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju*, T-353 et



EFKS/shutterstock.com

Min-naħa tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat, fuq appell, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-liġi Ġermaniża dwar l-**enerġija rinnovabbli** kienet tinkludi għajna mill-Istat sa fejn, minn naħa, din kienet tiggarantixxi lill-impriżi li jipproduċu l-elettriku minn sorsi rinnovabbli prezz ogħla mill-prezz tas-suq u, min-naħa l-oħra, hija naqqset il-kontribuzzjoni tal-impriżi tal-elettriku-intensi tas-settur produttiv għall-finanzjament tal-applikazzjoni ta' dan il-prezz imkabbar. Il-Kummissjoni ma wrietx li l-vantaġġi previsti minn din il-liġi kienu jinvolvu riżorsi tal-Istat u kienu jikkostitwixxu, minħabba f'hekk, għajna mill-Istat.

► Sentenza II-Ġermanja vs II-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2019, C-405/16 P



Roman Zaiets / shutterstock.com





B | IĊ-ĊIFRI BAŻIĊI TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' prinċipalment tisma' kawżi dwar:

- **talbiet għal domandi preliminari**, meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' att adottat mill-Unjoni jew dwar il-validità tiegħu. Il-qorti nazzjonali tissospendi l-kawża quddiemha u tagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja, li tagħti r-risposta dwar l-interpretazzjoni t-tajba tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jew dwar il-validità tagħhom. Ladarba tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża quddiemha. Fost il-kawżi li jirrikjedu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll tal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, etc.), hemm prevista **proċedura preliminari b'urġenza** ("PPU");
- **appelli**, mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, li huma rimedji ġudizzjarji li bihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tħassar deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;
- **rikorsi diretti**, li jfittxu prinċipalment li:
 - ♦ att tal-Unjoni jiġi annullat ("**rikors għal annullament**") jew
 - ♦ jiġi kkonstatat li Stat Membru naqas taħt id-dritt tal-Unjoni ("**rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu**"). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas, rikors ieħor, imsejjaħ "**rikors għat-tieni nuqqas**", jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni ta' flus;
- talba għal **opinjonijiet** fuq il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni tipproponi li tikkonkludi ma' stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali. Din it-talba tista' titressaq minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea (il-Parlament, il-Kunsill jew il-Kummissjoni).



966 KAWŻA MRESSQA

641 PROĊEDURI PRELIMINARI

li minnhom **20** PPU

41 RIKORS DIRETT

li minnhom
35 rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u
2 rikorsi għat-"tieni nuqqas"

Stati Membri li minnhom prinċipalment joriġinaw it-talbiet:

ĠERMANJA 114

SPANJA 64

POLONJA 39

ITALJA 70

RUMANIJA 49

APPELL MINN DEĊIŻJONIJIET TAL-QORTI ĠENERALI

266

OPINJONI

1

TALBIET GĦAL GĦAJNUNA LEGALI

7

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika mill-għajnuna legali b'xejn.



865 KAWŻA MAGĦLUQA

601 PROĊEDURA PRELIMINARI

li minnhom **10** PPU

42 RIKORS DIRETT

li minnhom **25** nuqqas ikkonstatat kontra **15**-il Stat Membru


li minnhom **1** sentenza għat-"tieni nuqqas"

210 APPELL MINN DEĊIŻJONIJIET TAL-QORTI ĠENERALI

li minnhom **28** annullaw id-deċiżjoni adottata mill-Qorti Ġenerali

1

OPINJONI



TUL MEDJU TAL-KAWŻI **14.4** -IL XAHAR

PROĊEDURI B'URĠENZA GĦAL
DEĊIŻJONI PRELIMINARI **3.1** XHUR

1 102 **KAWŻI MAGĦLUQA** FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2019

OQSMA PRINCĪPALI

Agrikoltura	33
Ambjent	60
Dritt soċjali	55
Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni	123
Libertajiet ta' moviment u ta' stabbiliment u suq intern	94
Proprietà intellettwali u industrijali	62
Protezzjoni tal-konsumatur	81
Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja 113	113
Tassazzjoni	94
Trasport	42
Unjoni doganali	22





IL-QORTI ĠENERALI

Il-Qorti Ġenerali tista' tintalab tisma' kawżi, fl-ewwel istanza, fuq rikorsi diretti mressqa **mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi (kumpanniji, assoċjazzjonijiet, etc) u mill-Istati Membri** kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta' rikorsi għal kumpens għal danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-persunal tagħhom. Il-parti l-kbira tal-kwistjonijiet hija ta' natura ekonomika: proprjetà intellettuali (trade marks u disinni tal-Unjoni Ewropea), kompetizzjoni, għajjnuna mill-Istat, u sorveljanza bankarja u finanzjarja.

Il-Qorti Ġenerali hija wkoll kompetenti taqta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku fuq tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-persunal tagħha.

Mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali jista' jitressaq appell, fuq kwistjonijiet ta' dritt biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kawżi li diġà jkunu bbenefikaw minn eżami doppju (minn Bord tal-Appell indipendenti, imbagħad mill-Qorti Ġenerali), il-Qorti tal-Ġustizzja tammetti l-appell biss jekk dan l-appell iqajjem kwistjoni importanti għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.



939 KAWŻA MRESSQA

848 RIKORS DIRETT
li minnhom

157 dwar għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni
(inklużi 3 rikorsi mressqa mill-Istati Membri)

270 Proprjetà intellettuali u industrijali

87 Servizz pubbliku tal-UE

334 rikors dirett ieħor (inklużi 12-il rikors
imressaq mill-Istati Membri)

TALBIET GĦAL GĦAJNUNA LEGALI

55 Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża
tista' titlob li tibbenefika mill-għajnuna legali b'xejn.



874 KAWŻA MAGĦLUQA


787 RIKORS DIRETT
li minnhom

102 Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni

318 Proprjetà intellettuali u industrijali

107 Servizz pubbliku tal-UE

260 Rikors dirett ieħor



TUL MEDJU TAL-KAWŻI: **16.9**-IL XAHAR

DEĊIŻJONIJIET LI MINNHOM SAR APPELL
QUDDIEM IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA **30 %**

1 398 KAWŻI PENDENTI FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2019

SUĠĠETT PRINĊIPALI TAR-RIKORS

Aċċess għal dokumenti	30
Agrikoltura	22
Ambjent	12
Għajnuna mill-Istat	278
Kompetizzjoni	64
Kuntratti pubbliċi	15
Miżuri restrittivi	72
Politika ekonomika u monetarja	138
Proprjetà intellettuali u industrijali	274
Regolamenti tal-Persunal tal-UE	141





SENA TA' FTUĦ U TA' KUNTATTI





A | L-AVVENIMENTI IMPORTANTI

Id-djalogu li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żżomm mal-qrati nazzjonali u maċ-ċittadini Ewropej ma jseħħ biss matul il-proċeduri ġudizzjarji, imma jiżviluppa kull sena permezz ta' ħafna kuntatti.

F'dan ir-rigward, l-2019 kienet sena mimlija avvenimenti, laqgħat u diskussjonijiet, ħaġa li għenet fit-tixrid tad-dritt u tal-ġurisprudenza tal-Unjoni, kif ukoll fil-komprensjoni tagħhom.

5 ta' April



Il-European Law Moot Court tiċċelebra t-30 sena tagħha

Il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-timijiet finalist tal-European Law Moot Court, il-kompetizzjoni internazzjonali ta' proċess simulat speċjalizzat fid-dritt tal-Unjoni Ewropea, li tiċċelebra fl-2019 t-30 anniversarju tagħha. Din il-kompetizzjoni, illum meqjusa l-iktar prestiġjuża "moot court" fid-dritt tal-UE, għandha l-għan li tippromwovi l-għarfien prattiku tad-dritt tal-Unjoni fost l-istudenti fid-dritt. Madwar 80 tim universitarju tal-Ewropa, iżda wkoll minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fiha. Il-kawża tal-edizzjoni 2018-2019 tirrigwarda l-indipendenza tal-qrati nazzjonali, il-mandat ta' arrest Ewropew kif ukoll il-possibbiltà tal-qrati nazzjonali li ma jiddeċidux fl-aħħar istanza li jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fit-timijiet tal-finali reġjonali organizzati matul is-sena f'**Ljubljana, Madrid, Firenze u Ateni**, l-aħjar timijiet jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-finali li tradizzjonalment tinżamm fil-Qorti tal-Ġustizzja. Wara deliberazzjoni tal-Bord tal-Għażla, komposta minn membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, it-tim ta' **Katholieke Universiteit Leuven** (Belġju) jiġi ddikjarat rebbieħ tal-edizzjoni 2019. Il-premju tal-"aħjar Avukat Ġenerali" ngħata lil Laura Tribess, mill-**Università ta' Genève** (Żvizzera) u l-premju tal-"aħjar aġent tal-Kummissjoni" lil Demi van den Berg, mill-**Università ta' Nijmegen** (Pajjiżi l-Baxxi). Fl-aħħar nett, il-premju tal-"aħjar osservazzjonijiet bil-miktub" ingħata lill-**Università ta' Osnabrück** (Ġermanja).

3 u 4 ta' Mejju



Finali tas-Central and Eastern European Moot Court

Il-finali tas-Central and Eastern European Moot Court, li din is-sena tiċċelebra l-25 sena tagħha, tinżamm ukoll fil-Qorti tal-Ġustizzja. Timijiet ta' 16-il università tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant jippreżentaw l-argumenti tagħhom fuq diversi suġġetti, bħall-migrazzjoni, ir-regolament ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data, l-istat tad-dritt u r-responsabbiltà tal-Istat, quddiem grupp ta' Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali ppresjedut mill-Avukat Ġenerali Sharpston. Ir-rebbieħ tal-edizzjoni 2019 huwa t-tim tal-**Università ta' Zagreb** (Kroazja), li kkompeta kontra t-tim tal-Università Nazzjonali "Académie Mohyla de Kiev" (Ukraina), fil-finali. Julia Jeleńska, tal-**Università ta' Varsavja** (Polonja) u Anna Yatsyshyn, tal-Università nazzjonali "Académie Mohyla de Kiev" (Ukraina) ħadu, it-tnejn li huma, il-premju tal-"aħjar trattazzjoni". Fl-aħħar nett, il-premju tal-"aħjar osservazzjonijiet bil-miktub" ingħata lit-tim tal-**Università Charles de Praga** (Repubblika Ċeka).

Seminar "Il-qorti u d-dritt tal-kompetizzjoni"

Il-Qorti Ġenerali torganizza seminar dwar l-evalwazzjoni tas-sistemi differenti ta' stħarriġ ġudizzjarju fid-dritt tal-kompetizzjoni, il-multi, ir-riċezzjoni tal-argumenti tekniċi-ekonomiċi kumplessi mill-qrati kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomiji. L-għan huwa **kondiviżjoni ta' esperjenzi u ta' prattiċi tajba** bejn il-qrati kbar li għandhom ġurisdizzjoni fil-qasam tad-dritt ekonomiku. Is-seminar jilqa' grupp ta' esperti prestiġjużi: Giovanni Pitruzzella, Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, Stéphane Gervasoni, Imħallef tal-Qorti Ġenerali, Douglas H. Ginsburg, *Senior Judge* sedenti fil-United States Court of Appeals for the District of Columbia Circuit, il-professur fil-George Mason University's Scalia Law School, u l-professur Dr. Jürgen Kühnen, Imħallef fil-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, Ġermanja).

14 ta' Ġunju



18 ta' Settembru



Konferenza-dibattitu "Palazz fil-belt"

Lejlet l-inawgurazzjoni tat-tielet torri, **konferenza-dibattitu** tindirizza l-kwistjoni tal-isfidi arkitettoniċi li jiġu mill-kostruzzjoni ta' kumpless immobijari ddedikat għall-ġustizzja. Introdotta minn F. Biltgen (Lussemburgu), Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja u President tal-Kummissjoni "Bini", il-konferenza tiġi animata minn Antoine Garapon, Segretarju Ġenerali tal-Istitut tal-Istudji għolja fuq il-Ġustizzja (IHEJ, Franza). Jintervjenu wkoll l-arkitett Dominique Perrault, ideatur tar-4 u l-5 estensjonijiet tar-Palazz tal-Qorti tal-Ġustizzja, u l-arkitett Bernard Plattner. Fil-marġni tal-inawgurazzjoni, **l-espożizzjoni** intitolata "Spirtu tal-liġijiet, ingenu tal-postijiet: iż-żminijiet ta' opra. Tibni Palazz tal-ġustizzja għall-Unjoni Ewropea", turi l-istorja wara l-kwinti tal-kostruzzjoni tal-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja, sa mill-ex Palazz inawgurat fl-1973 sal-lum.

Inawgurazzjoni tat-tielet torri

It-torri l-ġdid jiġi inawgurat mill-President Koen Lenaerts, fil-preżenza tal-Altezza Rjali Tiegħu, il-Gran Duka Henri tal-Lussemburgu u l-Prim Ministru Lussemburġi Xavier Bettel. B'115-il metru għoli, huwa l-**bini l-iktar għoli** tal-Lussemburgu.



19 ta' Settembru



25 ta' Settembru



Kollokju fl-okkażjoni tat-30 anniversarju tat-twaqqif tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tiċċelebra t-30 anniversarju tagħha. Huwa fil-25 ta' Settembru 1989 li l-ewwel membri tal-qorti, imwaqqfa bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-24 ta' Ottubru 1988, bdew jaqdu l-funzjonijiet tagħhom. F'din l-okkażjoni nżamm kollokju fuq it-tema "Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-era diġitali" fl-Awla Manja tal-Palazz dwar żewġ temi: "**Ġustizzja aċċessibbli**" u "**Ġustizzja effikaċi u ta' kwalità**". Diversi rappreżentanti ta' istituzzjonijiet Ewropej, nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll professuri tad-dritt, imħallfin, ġuristi u avukati tal-Istati Membri kollha jipparteċipaw fil-kollokju, fil-preżenza ta' Sam Tanson, Ministru tal-Kultura, tad-Djar u tal-Ġustizzja tal-Lussemburgu.

Ġurnata "Bibien miftuħa"

B'hal kull sena, il-Qorti tal-Ġustizzja tiftaħ il-bibien tagħha lill-pubbliku. L-edizzjoni 2019 tiġi organizzata fix-xahar ta' Ottubru, wara l-inawgurazzjoni tat-tielet torri tal-kumpless immobiljari tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex ikun jista' jintwera lill-pubbliku dan il-bini uniku wkoll. **Iktar minn 4 800** persuna jaslu sal-misraħ tal-Palazz sabiex iżuru l-Istituzzjoni, l-oġġetti numru ta' viżitaturi li qatt ma ntafhaq matul dan l-avveniment. **Żjarat iggwidati** bil-lingwi kollha jippermettu li jiġi spjegat lill-pubbliku inġenerali l-missjonijiet u l-funzjonament tal-qorti u tad-dipartimenti tal-istituzzjoni. L-istands organizzati mid-dipartimenti tal-istituzzjoni matul ir-rotta (Reġistru tal-Qorti Ġenerali, Direttorat Ġenerali tal-multilingwiżmu, Riżorsi Umani, Riċerka u Dokumentazzjoni, Bibljoteka, Bini u Sigurtà, EMAS) jilqgħu lill-viżitaturi kurjużi sabiex isiru jafu iktar dwar l-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-viżitaturi jistgħu wkoll ikollhom aċċess għas-**27 sular tat-torri** sabiex igawdu l-panorama eċċezzjonali tar-reġjun. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija, din is-sena, l-unika istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea li torganizza ġurnata Bibien miftuħa fil-Gran Dukat.

19 ta' Ottubru





13 u 14 ta' Novembru 2019:

Seminar "Protezzjoni u illustrazzjoni tal-multilingwiżmu"

Mill-2018, sena li mmakat is-60 anniversarju tar-Regolament dwar is-sistema lingwistika tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja implimentat l-"approċċ multilingwiżmu" li jikkonsisti f'diversi azzjonijiet intiżi li l-multilingwiżmu jinftehem u jiġi vvalorizzat fil-kamp ġuridiku.

Din is-sena, seminar dwar il-protezzjoni u l-illustrazzjoni tal-multilingwiżmu ġie organizzat b'mod partikolari fil-Qorti tal-Ġustizzja, fis-13 u fl-14 ta' Novembru 2019.

Fost il-parteċipanti f'dan is-seminar, Delmas-Marty, Professur emeritu fil-Collège de France, Gendreau-Massaloux, konsulent tas-Segretarju Perpetwu tal-Akkademja tax-Xjenzi, u M. Trabant, Membru tal-Akkademja tax-Xjenzi ta' Berlin-Brandenburg, kif ukoll Barbara Cassin.



Barbara Cassin hija filologu, ellenista u filosofu Franċiż, direttriċi tar-riċerka fiċ-Centre national de la recherche scientifique français (CNRS). Hija ġiet eletta membru tal-Académie française fl-2018.

"Fuq stedina tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jiena kelli l-okkażjoni f'Novembru li għadda niskopri din l-istituzzjoni, flimkien ma' Mireille Delmas-Marty, Michèle Gendreau-Massaloux, u Jürgen Trabant. Din iż-żjara, li ppermettitilna niltaqgħu mal-atturi prinċipali, mill-President u r-Registatur sar-roti essenzjali li huma l-interpreti, u l-persuni responsabbli għad-diversi dipartimenti — mhux biss impressjonatni, iżda emozzjonatni. Jekk l-esperjenza tiegħi fi ħdan il-kummissjoni ta' Brussell, fejn kont għal żmien "espert ta' livell għoli" (kif jingħad bi Frangliż ħażin) fi ħdan il-kummissjoni responsabbli għall-multilingwiżmu — fi żmien meta kienet għadha teżisti —, hallitli xi tħassib, iż-żjara tiegħi fil-Lussemburgu tatni fiduċja fl-Ewropa.

Il-lingwa tal-Ewropa, hija t-traduzzjoni, kien iġid Umberto Eco. Il-Qorti tal-Ġustizzja, preċiżament, hija verament multilingwi, titkellem bil-lingwi u ma tieqafx tittraduċi.

Għalkemm il-Franċiż, eredi tad-dritt Ruman, iservi ta' lingwa komuni għad-**deliberazzjonijiet**, il-lingwi kollha tal-Unjoni huma effettivament ipprattikati permezz tal-ġuristi lingwisti u tal-interpreti. B'dan il-mod, meta titressaq kawża f'waħda mill-**24 lingwa (il-lingwa tal-kawża)**, is-sentenza ser tingħata b'din il-lingwa, u ser tkun disponibbli, ġeneralment fl-istess jum, fit-23 lingwa l-oħra. Bejn il-kultura u l-viżjoni tad-dinja mmexxija mill-Ingliż tal-common law u dawk li jirrigwardaw il-Franċiż tad-dritt Ruman, mingħajr ma jintesew il-leġiżlazzjonijiet ta' kull wiehied mit-28 pajjiż, hemm biss xi ftit "intraduċibbli" — bħal right li pjuttost tfisser xi ħaġa bħala "dritt", u law li xi wħud jiktibuha "liġi". L-iktar notevoli fil-fehma tiegħi huwa l-mod kif jiġu tradotti dawn l-intraduċibbli każ b'każ meta wiehied ikun imġiegħel joħloq: il-Qorti tal-Ġustizzja toħloq kunċetti awtonomi, li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni. Dan jiġri, pereżempju, għal "ħaddiem", "konjuġi", "**ksur**": dan il-kliem fil-Franċiż tinbidlilhom it-tifsira għal u mid-dritt tal-Unjoni, u jkopru realtajiet iktar kumplessi u usa' mit-terminoloġija Franċiża.

Huwa s-sovrannazzjonali, u verament l-Ewropew imdaħħal fid-dinja, li jkun qed iseħħ b'dan il-mod. Dan l-"Ewropew" imur iktar lil hinn mill-Globish li jillivella lejn il-qiegħ li għalih Brussell iddarri lil dawk li jagħmlu sottomissjonijiet.

Flimkien ma' dawn iż-żewġ armi, li huma t-traduzzjoni bħala "know-how" bid-differenzi minn naħa u, min-naħa l-oħra, l-invenzjoni terminoloġika kapaċi li toħloq djalettika għal dawn id-differenzi f'unità iktar kumplessa, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tista' fil-fehma tiegħi sservi bħala paradigma konkreta għal Ewropa magħquda fid-diversità.

L-istadju segwenti huwa li jiġi integrat fil-kuntest ta' teknika avvanzata ta' traduzzjoni assistita minn kompjuter tat-tip Deep Learning il-massa tad-dokumenti bil-lingwi mwettqa mill-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li tiġi ppreżervata l-kunfidenzjalità tagħhom, sabiex jintużaw direttament it-teżori miżruha mill-ġuristi lingwisti. Direzzjoni għall-Ewropa?"

Barbara Cassin



L-imħallfin **jiddeliberaw** fuq il-bażi ta' abbozz ta' sentenza redatt mill-Imħallef Relatur fil-lingwa Franċiża, mingħajr l-assistenza ta' tradutturi jew ta' interpreti

Għal kull kawża tiġi stabbilita l-**lingwa tal-kawża**. Għar-rinviji għal deċiżjoni preliminari, din tkun il-lingwa tal-qorti nazzjonali li tkun qed tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rikorsi diretti, din tkun il-lingwa użata fir-rikors.

Il-Kummissjoni Ewropea, gwardjana tat-Trattati, tista' tibda **proċedura ta' ksur** kontra l-Istat Membru li ma josservax l-obbligi tiegħu. Jekk il-ksur jippersisti, il-Kummissjoni tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra dan l-Istat Membru.

18 u 19 ta' Novembru



Forum membri tal-ġudikatura

Fid-dawl tad-diversità tat-tradizzjonijiet u tas-sistemi legali tal-Unjoni Ewropea, ir-relazzjoni mill-qrib bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali tikkostitwixxi bażi fundamentali tas-sistema legali tal-Unjoni. Huwa essenzjali djalogu kostanti sabiex jiġi osservat l-Istat tad-dritt li fuqu hija bbażata l-Unjoni u sabiex tiġi promossa l-komprensjoni tal-leġiżlazzjoni u tas-sistemi tal-Istati Membri. Fost id-diversi miżuri li hija tiegħu sabiex tiffavorixxi dan id-djalogu, il-Qorti tal-Ġustizzja torganizza kull sena, sa mill-1968, Forum tal-membri tal-ġudikatura. Dawn il-laqgħat huma l-okkażjoni sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-fiduċja, mhux biss bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, iżda wkoll bejn il-qrati nazzjonali stess.

L-edizzjoni 2019 tal-51 Forum tal-Membri tal-ġudikatura laqqa' għal jumejn **159 ġudikant tal-qrati kostituzzjonali u supremi mit-28 Stat Membru** u l-Membri tal-istituzzjoni. Fid-diskors tiegħu ta' merġba l-President Lenaerts ifakkar l-impenn tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-importanza tar-"relazzjonijiet tiegħu mal-qrati nazzjonali" u jenfasizza li "l-għan ta' din il-laqgħa huwa li hija tkun interattiva, li tkun skambju reċiproku li jippermetti wkoll lill-membri tal-istituzzjoni tagħna li jsiru jafu aħjar il-partikolaritajiet tas-sistemi legali nazzjonali".

Iż-żewġ seduti plenarji ta' xogħol ta' din is-sena huma ddedikati għall-ġurisprudenza reċenti dwar l-aspetti proċedurali tar-rinviji preliminari (seduta mmexxija minn Thomas Bull, Imħallef fil-Qorti Amministrattiva Suprema Żveđa) u għall-iżviluppi ġurisprudenzjali reċenti fil-qasam tal-indipendenza ġudizzjarja (seduta mmexxija minn Goran Selanec, Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali Kroata). Barra minn hekk, tliet workshops huwa organizzati fuq il-ġurisprudenza dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-għaxar anniversarju tagħha bħala sors tad-dritt primarju.

Programmi ta' skambju ACA-EUROPE

Il-Qorti tal-Ġustizzja torganizza ma ACA-Europe (l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-qrati amministrattivi supremi tal-Unjoni Ewropea) programmi ta' skambju professjonali, sabiex tippermetti lill-imħallfin tal-qrati amministrattivi supremi ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea japprofondixxu aħjar id-dritt tal-Unjoni.



Maria Bakavou, awditur fil-Kunsill tal-Istat (Greċja), li pparteċipat fi programm ta' skambju professjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja, taqsam l-impressjonijiet tagħha fuq din l-esperjenza:

"Dan il-programm kien esperjenza ertremament benefika u li timlik: huwa jippermetti li daww interessati fil-funzjonament intern tal-Qorti tal-Ġustizzja li jitgħallmu ħafna iktar minn snin ta' studji teoretiċi. Barra minn hekk, huwa juri r-rwol permanenti tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala gwardjana tal-valuri komuni Ewropej. Il-kuntatt mal-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja jikkostitwixxi l-mument qawwi ta' dan il-programm u għandu jiġi żviluppat, imfaħħar u mħeġġeġ. Jien konvint bil-qawwa kollha li din l-esperjenza hija utli ħafna għall-imħallfin kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri kollha."

Maria Bakavou

ŻJARAT UFFIĊJALI FIL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sabiex jiġi ffavorit l-iskambju istituzzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja żżomm djalogu regolari mal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra, mal-qrati internazzjonali u mal-istituzzjonijiet u mal-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni.

F'dan l-ispiritu ta' skambju istituzzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet fl-2019 lil Mario Draghi, President tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), Laura Codruța Kövesi, Prokuratur Prinċipali fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ewropew il-ġdid, lil Bente Angell-Hansen, President tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) u lil Kees Sterk, President tan-Network Ewropew tal-konsulenti ġudizzjarji.


Delegazzjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ta' Den Haag (QIĠ), barra minn hekk, żaret lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019.

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ukoll delegazzjonijiet tal-qrati nazzjonali, b'mod partikolari tal-Qorti Kostituzzjonali Spanjola (ritratt), tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni tal-Bulgarija, tal-Hoge Raad tal-Pajjiżi l-Baxxi (Awla tal-Affarijiet Fiskali) (ritratt) u tal-Qorti tal-Benelux, kif ukoll Stephan Harbath, Viċi President tal-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża).

Barra minn hekk, hija laqgħet diversi personalitajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari E.T. Leo Varadkar, Prim Ministru tal-Irlanda, E.T. Andrej Babiš, Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka, Luis Marco Aguiriano Nalda, Segretarju tal-Istat għall-Unjoni Ewropea tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Spanja, Raivo Aeg, Ministru tal-Ġustizzja tal-Estonja, László Trócskányi, Ministru tal-Ġustizzja tal-Ungerija, Jānis Bordāns, Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja tal-Latvja, François Bausch, Ministru tal-Mobbiltà u tax-Xogħlijiet Pubbliċi tal-Lussemburgu, David Gauke, Ministru tal-Ġustizzja tar-Renju Unit, u Hans Dahlgren, Ministru tal-Affarijiet Ewropej tal-Iżvezja.

Fl-aħħar nett, fl-2019 seħħet żjara uffiċjali tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) fi Strasburgu.





DJALOGU KOSTANTI MAL-PROFESSJONISTI TAD-DRITT

→ Jinżamm id-djalogu ġudizzjarju ma' ġudikanti nazzjonali

INTLAQGĦU

2 824

ĠUDIKANT NAZZJONALI

- laqgħa tal-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest tal-Forum annwali tal-membri tal-ġudikatura jew fil-kuntest ta' stage ta' 6 jew 10 xhur fi ħdan kabinett ta' Membru
- seminars organizzati fil-Qorti tal-Ġustizzja
- informazzjoni għall-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest ta' assoċjazzjonijiet jew ta' networks ġudizzjarji Ewropej
- parteċipazzjonijiet fil-ftuħ tas-sena forensi tal-qradi nazzjonali supremi u superjuri, u laqgħat mal-Presidenti jew il-Viċi Presidenti tal-qradi supremi Ewropej

→ Azzjoni favur l-applikazzjoni u l-komprensjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-professjonisti tad-dritt

753

GRUPP TA' VIŻITATURI

li jingħataw preżentazzjoni fuq is-seduti li jattendu jew fuq kif jaħdmu l-qradi



li minnhom **223** grupp ta' professjonisti tad-dritt



jiġifieri

4 560

PERSUNA



272 ĠURISTA MILQUGĦ
BĦALA STAĠISTA

267

UTENTI ESTERNI



studenti, riċerkaturi, professuri li wettqu riċerka fil-biblijoteka tal-istituzzjoni

DJALOGU MSAĦĦAĦ MAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

22 924 VIŻITATUR

li minnhom **4 825** matul il-ġurnata “bibien miftuħa”



165 STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

(total ta' **1 953** verżjoni lingwistika)



Kull stqarrija għall-istampa tiġi tradotta f'diversi lingwi, skont l-interess li tqajjem fost il-ġurnalisti u l-pubbliku ġenerali fl-Istati Membri. Dawn l-istqarrijiet huma disponibbli fis-sit curia.europa.eu.

416 TWEET MIBGĦUTA
MILL-KONT TWITTER TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

li għandu **80 000** “SEGWAĊI”



108 TALBA GĦAL AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI AMMINISTRATTIVI
U GĦALL-ARKIVJI STORIĊI TAL-ISTITUZZJONI

MADWAR **28 000** TALBA GĦAL INFORMAZZJONI FIS-SENA

DJALOGU UFFIĊJALI U ISTITUZZJONALI REGOLARI

6 UDJENZI SOLENNI





AMMINISTRAZZJONI LI TAQDI L-ĠUSTIZZJA EWROPEA



A | TFITTXIJA KOSTANTI TAL-EFFIĊJENZA



Ir-Registatur tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa s-segretarju ġenerali tal-istituzzjoni, imexxi d-dipartimenti amministrattivi taħt l-awtorità tal-President. Huwa jixhed dwar l-impenn tad-dipartimenti li jagħtu sostenn lill-attività ġudizzjarja.

AMMINISTRAZZJONI GĦAS-SERVIZZ TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Istituzzjoni ġudizzjarja hija, qabel kollox, **arkitettura** — fis-sens proprju u fis-sens figurat — u s-sena 2019 kienet espressjoni notevoli ta' dan. Hija rat it-tweqqif kemm tal-aħħar stadju tal-kostruzzjoni tar-Palazz tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-implimentazzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni li tirriżulta mir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422.

Fuq il-livell immobiljari, l-istituzzjoni b'dan il-mod iċċelebrat, fid-19 ta' Settembru 2019, l-**inawgurazzjoni tat-3 torri tagħha**, l-ogħla wiehied fil-Gran Dukat, u dan b'osservanza kemm tat-termini stabbiliti kif ukoll tal-baġit inizjalment allokat u tal-ogħla rekwiżiti ambjentali. Hija tippermetti li jinġabru flimkien id-diviżjonijiet tad-Direttorat Ġenerali tal-multilingwiżmu, li sa dak iż-żmien kienu jinsabu barra mis-sit priċipali kif ukoll, għall-ewwel darba f'20 sena, il-persunal kollu tal-Qorti tal-Ġustizzja f'sit wiehied. Issa, l-iktar minn 2 200 membru tal-persunal jiltaqgħu taħt l-istess saqaf u jimxu ta' kuljum fl-istess gallerija. Lil hinn miż-żieda fl-effiċjenza ta' kuljum li tirriżulta minn dan, din il-viċinanza hija simbolu tal-koeżjoni li tmexxi lill-persunal tal-istituzzjoni fit-tweqqif tal-missjoni tagħhom fis-servizz tal-ġustizzja tal-Unjoni.

Fuq il-livell tal-**istruttura istituzzjonali**, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea laqgħet, fil-kuntest tat-tielet u l-aħħar fażi

tar-riforma tagħha, l-aħħar tmien Imħallfin tagħha, u gābet in-numru tagħhom għal tnejn għal kull Stat Membru. Id-dipartimenti tal-istituzzjoni kollha taw l-għajjnuna tagħhom sabiex jassistu lill-Qorti Ġenerali fir-riorganizzazzjoni tagħha u fl-integrazzjoni tal-membri l-ġodda tagħha, u r-riżultati tagħhom diġà jidhru bi tnaqqis sinjifikattiv tat-tul tal-proċeduri (ara l-p. 59). Kumbinazzjoni tal-kalendarju u simbolu ieħor: it-tlestija tar-riforma ħabtet mat-30 anniversarju tal-Qorti Ġenerali li ġie iċċelebrat fil-25 ta' Settembru, l-istess jum tad-dħul fis-servizz tal-ewwel 12-il Imħallf fl-1989, fil-kuntest ta' kollokju fuq it-tema "Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-era diġitali" (ara l-p. 65).

Iżda istituzzjoni ġudizzjarja hija wkoll **amministrazzjoni**, komposta minn nisa u rġiel li kuljum jaħdmu sabiex jipprovdu sostenn għall-attività tal-qrati.

Din l-amministrazzjoni għandha l-mira li ttejjeb kostantement is-servizzi tagħha fl-interess **tal-kwalità u l-effiċjenza** sabiex tassisti lill-qrati fir-risposta tagħhom għall-isfida taż-żieda u tad-diversifikazzjoni tal-kontenjuż. Fl-2019, inbdew diversi proġetti f'dan is-sens, kemm permezz ta' żviluppi teknoloġiċi jew organizzattivi.

B'dan il-mod, id-Direttorat tar-Riċerka u Dokumentazzjoni saħħaħ l-attività tiegħu ta' pretrattament tal-kawżi — f'dak li jikkonċerna t-talbiet għal deċiżjoni preliminari u l-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli — u seta' jwettaq sinerġiji mad-Direttorat tal-Komunikazzjoni għall-elaborazzjoni ta' stqarrijiet għall-istampa u tar-rapport annwali dwar l-attività ġudizzjarja. Id-Direttorat tal-Biblijoteka qiegħed għad-dispożizzjoni għodda ġdida ta' tiftix tad-duttrina u ddiversifikat il-katalogu tagħha sabiex tkompli tiġi ttrasformata f'ċentru dokumentarju ta' ġestjoni tal-konnoxxenzi. Min-naħa tiegħu, wara l-fażi tal-ġbir tal-ftigijiet mill-uffiċċji u mid-dipartimenti, id-Direttorat tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni kompli bil-ħidma tiegħu fl-istabbiliment ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-kawżi, li għaliha s-sejħa għal offerti għet ippubblikata matul ix-xahar ta' Awwissu 2019 u nediet programm wiesa' ta' sostituzzjoni tal-materjal informatiku tal-persunal tal-istituzzjoni fil-kuntest ta' strateġija ta' mobbiltà. Parallelament, il-potenzjalitajiet tal-isfruttament tal-intelliġenza artifiċjali għall-bżonnijiet speċifiċi tal-istituzzjoni qed jiġu segwiti mill-qrib u diġà wasslu għall-ewwel użi fi ħdan id-Direttorat Ġenerali tal-multilingwiżmu, bl-introduzzjoni ta' għodda bbażata fuq it-traduzzjoni msejħa newronali. Din l-assistenza teknoloġika ser tippermetti lil dan id-direttorat jaffaċċja volum ta' xogħol dejjem jiżdied filwaqt li jiġu ppreżervati ż-żewġ prinċipji essenzjali tal-multilingwiżmu: tiggarantixxi lil kull parti fil-kawża l-possibbiltà li tressaq il-kawża tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-lingwa tal-għażla tagħha, u tiżgura t-tixrid tal-ġurisprudenza f'kull waħda mill-24 lingwa uffiċjali mitkellma miċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

Id-dipartimenti kollha setgħu jibbenefikaw, fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti varji, minn sostenn mid-Direttorat tar-Riżorsi Umani, fir-rwol tiegħu ta' promozzjoni tat-taħriġ professjonali u tal-benesseri fuq ix-xogħol. L-2019 b'hekk għet ikkaratterizzata minn azzjonijiet ta' jobshadowing, li jiffavorixxu l-iskambju ta' Prattiki tajba u ta' ftuħ, permezz tal-implimentazzjoni ta' programm ta' taħriġ maniġerjali intiż għall-amministraturi ta' livell intermedju u superjuri, u bl-introduzzjoni ta' sistema ta' xogħol fuq bażi okkażjonali li ssegwi t-tendenza lejn il-modernizzazzjoni u l-flessibbiltà fl-organizzazzjoni tax-xogħol.

Fl-aħħar nett, istituzzjoni ġudizzjarja ta' żmienha hija wkoll **istituzzjoni miftuħa** għall-pubbliku, li tiffavorixxi l-**aċċess għall-infommazzjoni u t-tixrid tal-konnoxxenzi**.

Sa mix-xahar ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati supremi li pparteċipaw fir-**Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea (NĠUE)** iddeċidew li jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali bil-lingwi kollha, fis-sit Curia, id-deċiżjonijiet nazzjonali tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-1 ta' Lulju 2018, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali li jikkonċernaw id-dritt tal-Unjoni u diversi dokumenti ta' natura xjentifika jew pedagoġika redatti mill-qrati membri tar-RĠUE fil-lingwa li huma jkun għażlu li jaqsmuhom. L-imħallfin, l-avukati u r-riċerkaturi tad-dinja kollha jistgħu minn issa 'l quddiem jibbenefikaw minn ġid dokumentarju uniku fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni u l-applikazzjoni tiegħu fi ħdan l-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-istituzzjoni, diġà attiva fuq Twitter u YouTube, iddiversifikat il-kanali ta' komunikazzjoni tagħha, fil-kuntest tal-iżvilupp tal-**istrateġija diġitali** tagħha, billi fetħet u operat kont LinkedIn minn Novembru 2019. Din il-pjattaforma, li kellha diġà 30 000 abbonat wara xi ftit ġranet ta' użu, tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja taqsam l-attwalità ġuridika u istituzzjonali tagħha fuq spazju ta' viżibbiltà professjonali u b'hekk iżżid l-aċċessibbiltà tal-osservaturi (ġuristi, ġuristi, ċittadini) għal diversi temi li jaqgħu taħt l-attività tagħha (segwitu tal-kawżi, komunikati, avvenimenti).

Fl-aħħar nett, konxja tal-importanza — flimkien mal-possibbiltajiet offruti mit-teknoloġija diġitali — tal-laqqha wiċċ imb'wiċċ, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari kompliet tikkonferma r-rabta tagħha mal-**Forum tal-membri tal-ġudikatura** (seminars li jilqgħu, għal tlett ijiem, iktar minn 150 ġudikant nazzjonali) u lill-**ġurnata Bibien miftuħa**, li f'din is-sena kellha affluwenza rekord (kważi 5 000 viżitatur), xhieda tal-interess imqajjem mill-pubbliku ġenerali.

Minn din il-ħarsa lejn l-attivitajiet imwettqa fl-2019 tidher irrieda tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea — istituzzjoni ġudizzjarja li tiggarantixxi Unjoni bbażata fuq id-dritt u l-osservanza tal-valuri demokratiċi — li tkompli ssegwi b'determinazzjoni, fuq livell istituzzjonali u amministrattiv, l-approċċ ta' modernizzazzjoni tagħha bil-għan ta' kwalità, effiċjenza u ftuħ multilingwi fid-dinja u lejn id-dinja.

Alfredo Calot Escobar
Registatur

B | IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TKABBAR IL-PREŻENZA TAGĦHA FIN-NETWORKS SOĠJALI

Għal istituzzjoni pubblika, li tinforma liċ-ċittadini huwa dmir demokratiku. Iktar minn dan, komunikazzjoni effikaċi m'għadhiex ipperċepita, illum, bħala relazzjoni b'direzzjoni waħda. In-networks soċjali saru mezzi inevitabbli għal servizz pubbliku modern li jixtieq jikkomunika b'mod effettiv mal-pubbliku. Permezz tal-użu ta' dawn il-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea illum tindirizza mhux biss lill-ġurnalisti u lill-protagonisti tad-dinja ġuridika, iżda wkoll, u fuq kollox, liċ-ċittadini. L-utenti kollha tal-mezzi soċjali jistgħu minn issa 'l quddiem isiru jafu bil-kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, bis-sentenzi u bil-konklużjonijiet, bl-avvenimenti organizzati fi ħdan l-istituzzjoni, bl-offerti ta' impjeg jew bil-pubblikazzjonijiet oħra għall-ispeċjalisti jew ta' interess ġenerali.

L-istituzzjoni, diġà attiva ħafna b'suċċess kbir fuq **Twitter** (żewġ kontijiet — bil-Franċiż u bl-Ingliż — operati sa mill-2013) u YouTube (kanal operat sa mill-2017), tixtieq tippromwovi iktar l-informazzjoni ġuridika. Dan il-pass isegwi l-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tal-istrateġija diġitali tagħha.

B'dan il-mod, mill-2019, l-Istituzzjoni għandha l-kont tagħha fuq in-network soċjali professjonali **LinkedIn**. Bl-abbonati dejjem iktar numerużi (il-kont għadda minn iktar minn 22 000 f'Novembru 2019 għal iktar minn 30 000 fil-31 ta' Diċembru 2019, li jirrappreżenta żieda ta' 34 % f'xahrejn), ir-riżultati fuq din il-pjattaforma qabżu l-aspettattivi kollha. Ir-rata ta' sottoskrizzjoni medja fil-kont tal-Qorti tal-Ġustizzja — 5.95 % f'Diċembru — hija ħafna ogħla mir-rata medja ta' sottoskrizzjoni fin-network LinkedIn (0.054 %) u kull publikazzjoni fil-kont tal-istituzzjoni tolqot iktar minn 10 000 utent.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ħolqot għall-ewwel darba, fl-2019, paġna Facebook avvenimenti (**Facebook Event**) iddedikata esklużivament għall-promozzjoni tal-ġurnata "Bibien miftuħa", qabel l-avveniment (b'xhieda filmata tal-volontarji, countdown u ħafna informazzjoni Prattika oħra) u matul l-avveniment

(b'ħarsa żgħira, kull siegħa, tal-iżvolġiment tal-ġurnata). Din il-paġna laqgħet madwar 70 000 persuna. In-numru ta' viżitaturi mingħajr preċedent matul din il-ġurnata (iktar minn 4 800) jixhed is-suċċess tal-kampanja mmexxija mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq dan in-network soċjali.

Iż-żewġ kontijiet **Twitter** tal-Qorti tal-Ġustizzja kellhom, huma wkoll, suċċess kontinwu fl-2019, għax kellhom iktar minn 81 000 segwaċi fil-31 ta' Diċembru 2019 b'rata ta' sottoskrizzjoni li laqgħet medja ta' bejn 2 u 3 % (ferm ogħla mill-medja tar-rati ta' sottoakkrizzjoni fuq Twitter kollu, li kienet ta' 0.03 %).

Ispirat mis-suċċess tal-attivitajiet tagħha fuq il-kanal **YouTube**, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet fl-2019 mas-sensiela ta' animazzjonijiet tagħha tlieta ġodda fuq ix-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-impatt tal-ġurisprudenza tagħha fuq il-ħajja taċ-ċittadini. It-temi diskussi huma l-ġurisprudenza tagħha fl-oqsma tal-isport, tad-dinja diġitali u tal-ambjent. Is-serje sħiħa tinkludi, issa, 13-il video, kollha aċċessibbli fit-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. B'kollox, in-numru ta' viżjonijiet fuq dan il-kanal żdied b'50 % fl-2019 meta mqabbel mal-2018.





Segwuna fuq in-networks soċjali tagħna!

 Twitter EN

 Twitter FR

 LinkedIn

 YouTube



Ir-rata ta' sottoskrizzjoni tirrappreżenta l-perċentwali tat-tweets li jagħtu lok għal azzjoni "like" jew għal "retweet", li juri l-interess tal-abbonati għall-informazzjoni mxandra permezz ta' Twitter.



C | ISTITUZZJONI LI TIRRESPETTA L-AMBJENT

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ilha ssegwi għal diversi snin politika ambjentali ambizzjuża, intiża li tissodisfa r-regoli l-iktar eżiġenti fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-preżervazzjoni tal-ambjent.

It-tmexxija tal-proġetti immobiljari tal-istituzzjoni, kif ukoll il-ġestjoni ta' kuljum tal-mezzi u tal-għodda mqegħda għad-dispożizzjoni tagħha huma rregolati minn din ix-xewqa kostanti ta' rispett tal-ambjent, kif tixhed il-kisba tar-reġistrazzjoni EMAS (Eco-Management and Audit Scheme) fil-15 ta' Diċembru 2016.

L-ċertifikazzjoni EMAS, imwaqqfa minn regolament Ewropew u mogħtija lil organizzazzjonijiet li jissodisfaw rekwiżiti stretti marbuta mal-politika ambjentali tagħhom u mal-isforzi tagħhom favur il-preżervazzjoni tal-ambjent u tal-iżvilupp sostenibbli, hija b'hekk rikonoxximent ekoloġiku qawwi tal-impenn ambjentali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-prestazzjonijiet ambjentali għolja miksuba.




Fid-Dikjarazzjoni ambjentali annwali tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti bilanċ iddettaljat tal-prestazzjoni ambjentali u tal-proġetti ekoloġiċi attwali u futuri fi fhdan l-istituzzjoni.

Permezz ta' **formula ta' taħriġ online**, il-Qorti tal-Ġustizzja tindirizza ruħha lill-parteċipanti l-ġodda kollha sabiex tinformahom bl-aspetti ambjentali tax-xogħol ta' kuljum tagħhom, billi tissuġġerixxi Prattiki korretti mill-perspettiva informatika u tal-uffiċċju, tal-użu enerġetiku, tal-ilma u tat-trattament tal-iskart, kif ukoll iċ-ċaqliq tagħhom.

Fost l-azzjonijiet konkreti, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet għaliha nnifisha bħala għan li tnaqqas b'10 %, fil-perijodu 2016–2018, il-parti tal-iskart li jista' jiġi rkuprat tal-iskart mhux magħżul. Bi tnaqqis effettiv ta' 24.5 %, l-għan inizjali ntlaħaq sew.


L-applikazzjoni "e-Curia" (ara l-p. 26) għall-iskambju tad-dokumenti ġudizzjarji bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet u l-qrati tal-Unjoni għandha impatt ambjentali pożittiv. Bħala eżempju, jekk il-paġni kollha tal-atti mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali permezz ta' e-Curia fl-2019 (kważi miljun) kellhom jiġu ppreżentati fil-forma kartaċea bil-kopji meħtieġa, dan kien jiġġenera l-produzzjoni ta' iktar minn ħames miljun paġna ta' dokumenti, li jikkorrispondu għal madwar 12.5 tunnellata ta' karti, li, barra minn hekk, kien ikollhom jinġarru sal-Lussemburgu.






L-ekwivalenti full-time (ETP), hija diviżjoni li tippermetti li jitwettagħ qies tal-attività professjonali indipendenti tad-differenzi f'termini ta' numru ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa ta' kull membru tal-persunal, minħabba forom differenti ta' xogħol.

L-indikaturi ambjentali għall-ilma, l-iskart, il-karta u l-elettriku jikkorrispondu għal dawg tas-sena 2018. Il-varjazzjonijiet għandhom ċifra mqabbla mal-2015, is-sena ta' riferiment.



ĦARSA LEJN IL-FUTUR



RISPOSTA GĦALL-ISFIDI TAD-DEĊENNJU L-ĠDID


Is-sena 2020 timmarka l-bidu ta' deċennju ġdid u tidher sena kruċjali għall-qrati tal-Unjoni u dan għal diversi raġunijiet.

Fil-livell tal-kontenzjuż, in-numru rekord tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali fl-2019 jagħtu indikazzjoni tal-isfida li għandha l-istituzzjoni fl-2020: tiżgura żieda fil-produttività filwaqt li żżomm l-istess livell ta' efiċjenza u kwalità. It-tendenza għat-tkabbir tal-volum tal-kontenzjuż quddiem il-qrati tal-Unjoni tidher li hija kkonfermata sena wara sena u żvilupp ulterjuri jista' kun mistenni, b'mod partikolari, minħabba l-konsegwenzi tal-Brexit, tat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ewropew, taż-żieda fil-kontenzjuż bankarju u finanzjarju u tal-kawżi possibbli fil-qasam tal-ambjent bil-prorogazzjoni tat-tnedija tal-"ftehim aħdar għall-Ewropa".

Sabiex jiġu antiċipati dawn l-iżviluppi, il-Qorti tal-Ġustizzja minn issa bdiet tfittex mezzijiet moderni u effikaċi. F'dan ir-rigward, il-possibbiltajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali ser jikkupaw post importanti fir-riflessjonijiet tal-Istituzzjoni, u b'mod partikolari b'rabta mal-applikazzjonijiet tagħha fil-oqsma tat-traduzzjoni ġuridika, tar-riċerka ġuridika u tal-analiżi tal-ġurisprudenza.

Konformement mar-regolament li jadotta r-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni (Regolament (UE, Euratom) 2015/2422), l-2020 ser tkun ukoll is-sena li matulha l-Qorti tal-Ġustizzja ser tissottometti r-rapport fuq il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.







Google Play

Google play

in Polska | Linke

Lin

YouTube

You Tube

Twitter

oja a
ogle
oja li

IBQG#U
KONNESSI!





Idħol fil-portal ta' tiftix tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali permezz tas-sit Curia:



curia.europa.eu

Segwi l-attwalità tas-sentenzi u dik istituzzjonali:



- billi tikkonsulta l-**istqarrijiet għall-istampa**: curia.europa.eu/jcms/PressRelease
- billi tabbona fir-**RSS** tal-Qorti tal-Ġustizzja: curia.europa.eu/jcms/RSS
- billi ssegwi l-**kont Twitter** tal-istituzzjoni: [CourUEPresse](https://twitter.com/CourUEPresse) jew [eucourtpress](https://twitter.com/eucourtpress)
- billi ssegwi l-**kont LinkedIn**
- billi tniżżel l-**App CVRIA** għal smartphones u l-pads

Sabiex issir taf iktar fuq l-attività tal-istituzzjoni:



- ikkonsulta l-paġna dwar ir-**rapport annwali 2019**: curia.europa.eu/jcms/AnnualReport
 - **Panorama tas-sena**
 - **Rapport fuq l-Attività ġudizzjarja**
 - **Rapport ta' ġestjoni**
- ara l-**animazzjonijiet** fuq YouTube

Idħol fid-dokumenti tal-istituzzjoni:



- **arkivji storiċi**: curia.europa.eu/jcms/archive
- **dokumenti amministrattivi**: curia.europa.eu/jcms/documents

Żur is-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:



- L-istituzzjoni toffri lill-partijiet interessati **programmi ta' żjarat** imfassla b'mod speċifiku skont l-interess ta' kull grupp (smiġħ ta' seduta, żjara ggwidata tal-bini jew tax-xogħlijiet tal-arti, żjara ta' studju): curia.europa.eu/jcms/visits
- Permezz taż-**żjara virtwali tal-bini**, tkun tista' wkoll ittir fuq il-komplex tal-bini u tidħol fih mingħajr ma tiċċaq laq minn fejn int: Curia.europa.eu/visit360/

Għal kull informazzjoni dwar l-istituzzjoni:



- iktbilna permezz tal-**formula ta' kuntatt**: curia.europa.eu/jcms/contact



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
L-2925 LUXEMBOURG
Tel. +352 4303 -1

IL-QORTI ĠENERALI
L-2925 LUXEMBOURG
Tel. +352 4303 -1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet:

<http://www.curia.europa.eu>

Test miktub fi Frar 2020

Informazzjoni rreferenzjata fil-31.12.2019

La l-istituzzjoni u lanqas kull persuna li tagħixxi f'isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn isfel.

Il-Lussemburgu: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni Pubblikazzjonijiet u Media Elettroniċi

Ritratti: © L-Unjoni Ewropea, 2019-2020

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea mhijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

PRINT	QD-AQ-20-001-MT-C	ISBN 978-92-829-3329-9	ISSN 2467-1460	doi:10.2862/850848
PDF	QD-AQ-20-001-MT-N	ISBN 978-92-829-3310-7	ISSN 2467-169X	doi:10.2862/789838



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

—
Direttorat għall-Komunikazzjoni
Taqsima pubblikazzjonijiet u mezzi elettroniċi

Mejju 2020

